**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 475/2017*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Edward Caruana u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru 308560M**

**Illum:** 29 t'Awissu, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Edward Caruana** u ċioe talli:

F'dawn il-Gżejjer f'dawn il-gżejjer, bejn Jannar 2015[1] u Ottubru 2016[2], b`diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra bil-għan li twettqu delitt li għalih hemm il-priġunerija, billi:

1) Bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu u anke jekk ma kellux il-jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

2) L-eżazzjoni msemmija fl-artikolu ta' qabel saret b'theddid jew b'abbuż t'awtorità, b'hekk titqies estorsjoni skont il-liġi;
3) Kif ukoll talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva, jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal

[1] Vide verbal a fol.936
[2] Vide verbal a fol.42

jew wiegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom hu ma kellux jedd, u l-iskop tal-wiegħda jew offerta kien sabiex bħala uffiċjal jew impjegat tagħmel dak li kont fid-dmir li tagħmel;

4) Kif ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, xjentement għamel użu ta' kitba jew skrittura falza;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, barra illi tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tapplika wkoll l-interdizzjoni ġenerali perpetwa, skont l-artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 t'Ottubru, 2020, permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[3]

- Fl-artikoli 18, u 48A[4] tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 112, u 114 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 112, 113, u 114 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 115(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 184, 179, 180, 181, 182, 183, 185, 186 u 188 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 23, 23A, 23B, u 23C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
- Fl-artikoli 17, 31, 141, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[5]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
Ikkunsidrat,

---

[3] Fol.1594
[4] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XI tal-2018.
[5] Fol.2463. Vide ukoll Fol.2550

L-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat huma dawk ta' eżazzjoni w korruzzjoni, hekk kif inizjalment ġie allegat minn Ġiovann Vella kif ukoll dwar l-informazzjoni li wasslet lill-Pulizija rigward dak mistqarr ma uffiċċjali tal-FTS minn Joseph Carabott. Ġara li fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet ġie żvelat ukoll li kienu ntużaw *invoices/quotations* foloz.

L-**Onor. Ministru għall-Edukazzjoni Evarist Bartolo** xehed kif Philip Rizzo, ic-Chief Executive Officer tal-FTS bejn April u Ottubru, 2016, urieh li ma kienx kuntent b'ċertu affarijiet fil-Fondazzjoni, fosthom bl-għemil tal-imputat. Hu taħ struzzjonijiet biex jimxi mal-proċedura u skond ir-regoli. [6] *"F'dan il-każ, l-ilment kien ried iħallas direttament hu lill-kuntratturi Għawdxin ta' xogħol li jkun sar fi skejjel Għawdex. Imbaghad hu kien qalli izjed minn hekk, kien allega li invoices ma kienux invoices awtentici imma kienu invoices falsifikati...... l-ewwel haga li ghamilt [ordnajt] li ma jsirux hlasijiet fuq invoices suspettuzi u waqqafna l-hlasijiet. .... Jien bqajt nghid li jekk ghandna suspetti fuqhom ma nhallsux, meta imbaghad qalli isma, kien hemm min qalli, dawk il-firem huma falsifikati jew li ġie ddikjarat xogħol li filfatt ma sarx, jien ghidtlu, mela importanti hu li naghmlu investigazzjoni u kont qabbadt lis-Sur Paul Bonello biex jagħmel investigazzjoni u r-rapport tal-investigazzjoni jigi mghoddi lill-Pulizija."*. Rizzo informah ukoll li l-imputat qal lil ċertu Joe Carabott biex iwaqqa x-xogħol tas-Swatar b'lura, talbu *commission* ta' 3% u *container* madum.[7] Meta s-Sur Bartolo kellem lil Carabott dan ċaħad li intalab *container* madum jew *commission* ta' 3% mingħand l-imputat. Is-sur Bartolo ikkonferma l-komunikazzjonijiet li ntbagħtu bejnu w Rizzo.[8]

**Joseph Caruana**, Segretarju Permamenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, ikkonferma li bagħat kwerela [9] lill-Kummissarju tal-pulizija biex jinvestiga allegazzjonijiet fuq l-imputat wara rapport fil-gazzetti lokali.[10]

**L-Ispettur Rennie Stivala** ddeskriva kif wara rapporti li dehru fuq gazzetti lokali, il-pulizija ntalbet tinvestiga allegazzjonijiet ta' tixħim.[11] Ċertu Giovann Vella ġie mitkellem tenut kont li kienu saru rapporti li kien hedded w aggredixxa lil ċertu Robert Cutajar. Vella kien qallu kif wara li rebaħ kuntratt ta' €540,000 li nħareġ mill-FTS u meta kien wasal biex jagħmel il-*performance guarantee* ta' 10%, Caruana ċempillu biex ma jagħmilx il-garanzija għaliex il-kuntratt kien ser jingħata lil ħaddieħor. L-imputat inkorla miegħu meta dan ma ċediex għall-pressjoni w ma ħariġx mill-kuntratt. Hemm Caruana tah għażla li jħallas €30,000 biex ikompli hu fuq il-kuntratt jew jiġi mħallas €30,000 u joħroġ

[6] Fol.873
[7] Fol.874
[8] Fol.131-135; 180-181; 201-208;305-306
[9] **Dok.JC** a fol.432 et seq
[10] Fol.429-431
[11] **Dok.RS** a fol.465--466

mill-kuntratt, izda Vella baqa' għaddej bix-xogħol. Issejħet laqgħa għaliex kien hemm tħassib li Vella mhux ser jlesti l-proġett fil-ħin u quddiem il-persuni preżenti, Vella staqsa lil Caruana għat-€30,000. Għal dan il-kliem Caruana telaq il-barra mill-laqgħa bir-rabja. Fi żmien Santa Marija Caruana mar id-dar ta' Vella u reġa' semma dawn it-€30,000 biex ilestihomlu. Sadanittant waqt li Vella kompla bix-xogħlijiet, *electrician* għamel xi ħsara fuq ix-xogħol magħmul minn Vella. Peress li Vella kien sema li dan l-*electrician* intbagħat jagħmel din il-ħsara minn ċertu Robert Ciantar, il-*project manager*, inqalgħet it-tilwima li spiċċat b'Ciantar jagħmel rapport fuq Vella talli aggredih.[12]

L-ewwel Stqarrija ta' Caruana

Fl-istqarrija li rrilaxxa l-imputat, dan innega li għamel pressjoni fuq Vella biex iċedi l-kuntratt jew li talbu xi flus anke tramite Robert Ciantar. L-ispettur jagħti rendikont dettaljat tal-investigazzjoni kondotta minnu nkluż tal-persuni li tkellem magħhom. Ġiovann Vella kien informa numru ta' persuni bit-talbiet għal flus li sarulu mill-imputat. Sadanittant kien ġie rappurtat lill-Kummissarju allegazzjoni ta' *invoices* u *quotations* foloz.[13] Dan wassal sabiex l-ispettur kellem ukoll lil Philip Rizzo: *"spjegali mbaghad li wahda mill-problemi li ltaqa' maghha kienet fil-kwistjoni ta' trangar tal-bathrooms ta' zewg skejjel f'Għawdex, dawn kienu gew jiswew il-fuq minn hamsa u ghoxrin elf ewro, spjegali wkoll li kien hemm tender allokat lill-persuna partikolari biex jagħmel dan it-tip ta' xogħol, minkejja li kien hemm dan it-tender, dawn kienu gew mghoddija b'direct order lil haddiehor. ..... waqqaf il-pagamenti kollha, baghat ghall-kuntratturi kollha, stedinhom jattendu meeting miegħu. .....sussegwentament l-kuntratturi meta kellimthom kollha, jidher li dawn kollha cahdu l-invoices li kienu qed jigu pprezentati li kienu maħruġa minnhom jew kienu ffirmati minnhom, apparti Michael Caruana u anke Joseph Caruana illi dan kien qal li ssupplixxa xi xogħol u kellu jithallas ta' dak ix-xogħol biss."*[14]

Investigazzjoni dwar l-Allegazzjonijiet

Louis Portelli, *quantity surveyor* (QS)li tqabbad minn Simon Camilleri ta' Xmun Projects, ikkonferma li l-***quotation* li kien għamel Gordon Borg** kienet saret wara li tlesta x-xogħol u mhux qabel ovvjament kif suppost. Portelli jispjega wkoll li l-*quotations* l-foloz kienu saru madwar Novembru 2015 meta x-xogħol kien sar bejn Awwissu u Settembru, kien tlesta f'Settembru tal-2015. Simon Camilleri spjega lill-ispettur li peress li l-ammont aħħari kien jiżboq dak ta' €14,000 skond it-*tender*, *"Caruana lilu nfurmah li jekk ried jithallas ta' dawk ix-xogholijiet hu kellu jaqsam l-ammonti fi quotations izghar f'ammonti u fuq diversi nies*

---

[12] Fol.455-456

[13] **Dok.RS4** a fol. 482 et seq

[14] Fol.458-459

*biex ma jidhrux koroh, ma tidhirx direct order ta' hamsa u ghoxrin elf jew aktar fuq persuna wahda.".*[15]

Rigward l-allegazzjoni li Caruana talab li jingħata perċentagg ta' 3% u *container* madum b'xejn mingħand ċertu Joe Carabott, meta dan ġie mitkellem minn l-ispettur Stivala ma ftakarx li ntalab xi perċentaġġ iżda saħaq li Caruana ried il-proġett jitlesta w kien jgħidlu jkompli bix-xogħol imbagħad wara, tintalab *variation*. Stivala jkompli *"Fuq il-container madum Carabott qal li Edward Caruana vera kien talbu container pero' fil-hsieb ta' Carabott ma kienx li riedu b'xejn, kien il-hsieb li once li jgibulu jew li jaghzel minn għandu ghax hu kellu diversi tipi ta' madum, hu kien ser ihallsu tiegħu….. Fis-27 ta'Gunju tal-2017, wara li jien kellimt lis-Sur Philip Rizzo, Tony Muscat u Joseph known as Pippo Guiliano, kien sar konfront bejnhom u bejn is-Sur Joe Carabott fejn baghat għalih jiena.* ***Jien l-ewwel staqsejt lil Philip Rizzo lil Tony Muscat u lil Pippo Guliano fuq dawn it-three per cent u kollha kienu kkonfermawli li kienet giet l-informazzjoni mingħand Joe Carabott****. Meta jien kont kellimt lil Joe Carabott kif diga xehedt, hu cahad li semma' din l-allegazzjoni, imbaghad dahhalthom kollha flimkien go kamra biex isir konfront bejniethom u nara daqsxejn kif ser igibu ruhhom. Lili Joe Carabott xorta qalli dak il-hin li jien qatt ma rajt li Edward Caruana il-container riedu b'xejn, qalli pero' meta sema' li t-tlieta li huma kienu prattikament qed jaqblu, qalli li allura jista' jkun li jien kont taht hafna pressure, allura* ***jista' jkun li jien parlajt zejjed, ghidt xi kelma zejda****.".*[16]

It-Tieni Stqarrija ta' Caruana

Edward Caruana kien reġa' ġie interrogat fejn ċaħad li talab kemm it-*three per cent* jew il-*container* madum b'xejn lil Joe Carabott, u saħaq li uliedu xtraw il-madum mingħand MRCD ta' Ħal-Qormi. Il-Pulizija ngħatat ukoll is-*source of wealth* ta' Caruana magħmula minn awditur kif ukoll kopja ta' *cheque* illi bih kien ħallas lil MRCD. *"Jien staqsejtu wkoll, f'din l-istqarrija staqsejtu fuq il-quotations, jekk jafx minn fejn gew jew jekk kellux x'jaqsam mal-mod ta' kif saru u nnega li kellu x'jaqsam maghhom, innega li ghaddihom hu lil FTS, anzi qalli li nizel bihom Louis Portelli direttament, qalli li ghaddihom lil Tony Muscat u hemmekk l-ewwel darba li rajthom fl-ufficju tiegħu sar meeting, ghall-ewwel Tony Muscat ma riedx jiffirmahom u ghaddihom lil Philip Rizzo.".*[17]

L-Ispettur ippreżenta l-**Current Incident Report**[18] kif ukoll l-istqarrijiet tal-imputat, waħda rilaxxata fl-10 ta' Mejju, 2016[19] u oħra fit-12 ta' Lulju, 2017.[20]

[15] Fol.460
[16] Fol.460-461
[17] Fol.461-462
[18] **Dok.RS1** a fol.467-472
[19] **Dok.RS2** a fol.473-476
[20] **Dok.RS3** a fol.477-481.Xiehda li fiha jikkoreġi d-data minn 2016 għal 2017 a fol.2461

Riprodott esibixxa żewġ reġistri mgħoddija lilu mill-FTS u li saret riferenza għalihom minn Brian Giorgio.[21] L-oriġinali tal-*invoices* u *quotations*[22] (li kopja tagħhom tinsab fil-proċess[23]) ukoll ġew esibiti wkoll mill-Ispettur Stivala.[24] L-Ispettur kompla biex ikkonferma li d-dokumenti a fol.1552-1583 ġew mgħoddija lilu minn Rizzo meta nbdiet l-investigazzjoni.[25] In kontro-eżami ikkonferma li ma kienx hemm prova li għaddew xi flus lill-imputat Caruana għax, għalkemm Vella xehed li intalab jagħmel ħlas, dan m'għamlux.[26]

**Samuel Formosa,** Chairman tal-FTS bejn il-2013 u 2016, spjega kif f'Malta iċ-ċekkijiet tal-kuntratturi kienu jinġabru mill-FTS. Ikompli *"Għawdex billi ġieli kien hemm problema biex tinġabar il-VAT receipt kien hemm xi drabi fejn ġieli ħadhom Edward Caruana miegħu, sa fejn naf jien kien jagħtihom lis-surmast. Imma ovvjament jien ma kontx nidħol fid-daily routine ta' din il-ħaġa. ... Kif għidtilkom jien iċ-Chairman, ma kontx id-Direttur jew CEO tal-FTS. Billi kien hemm problema kien kellimni s-CFO li llum ħalliena, kif spjegajtlek, li kien hemm din il-problema biex jinġabru l-VAT receipts, u kemm xi drabi....... Kien itellagħhom miegħu s-Sur Caruana biex jipprova jiġbor il-Vat receipt dak il- ħin stess. ... Għawdex minħabba l-inkonvenjent kien itella' xi ċekkijiet xi drabi tella' xi ċekkijiet Edward Caruana. Issa wara li nqala' każ ta' Giovann Vella konna għidnielu biex ovvjament ma jibqgħax itella' ċekkijiet."*[27]

**Christopher Pullicino**, Chief Finance Officer fl-FTS, iddeskriva kif ċertu Giovann Vella, li kien ħa kuntratt iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea għall-xogħolijiet f'skejjel f'Għawdex, kien hedded lil Robert Cutajar.[28] Semma kif kien hemm *tender*s allokati li ma ntużawx għaliex filwaqt li skond dikjarazzjoni tal-perita x-xogħol sar f'Settembru 2015, ir-*request* għall-pagament sar f'April, 2016. Ix-xogħol Għawdex kien jieħu ħsiebu Caruana.[29] Għalkemm ma jiftakarx kemm kien il-valur tat-*tender* għax-xogħlijiet fl-iskejjel tal-Vajrinġa u tan-Nadur, saħaq li ma kienx hemm awtorizzazzjoni għalihom minn qabel kif kienet il-prassi.[30] Dwar l-*invoices* u *l-quotations* għall-ħlas, li ikkonferma li huma dawk a fol.138-164, jgħid li qabel ma wasslu għandu, marru għand Rizzo u Muscat, *"Dawn huma, kienu li, l-ammont tagħhom jagħmlu hamsa u ghoxrin elf.... Quotations...."*. Ikompli li fiċ-ċertifikazzjoni tal-Perit kien ġie dikjarat li x-xogħol sar u hemm id-data tal-20 t'April, 2016; l-istess data li tidher anke fuq il-

[21] Fol.893. **Vide Dok.RSZ** a fol.894
[22] **Dok.RSI** a fol.1552-1583
[23] **Dok.PR3** a fol.138-164
[24] Fol.1550
[25] Fol.2461
[26] Fol.2473
[27] Fol.2048-2049
[28] Fol.347-348
[29] Fol.350
[30] Fol.351

*quotations.* Jisħaq li iżda hu baqa' ma ngħata l-ebda spjegazzjoni għall-fatt li effetivament ix-xogħol kien sar f'Settembru 2015 iżda c-ċertifikazzjoni u l-*quotations* huma datati l-20 t'April, 2016.[31] Semma kif l-imputat kien iqassam iċ-ċekkijiet li kellhom x'jaqsmu mal-kuntratt t'Għawdex, inkluż dawk ta' kuntratturi Maltin.[32] Peress li din ma kienitx prattika mixtieqa, nġibdet l-attenzjoni taċ-Chairman Samuel Formosa iżda dan qalhom biex ituhomlu xorta. Izid li kemm hu kif ukoll l-*staff* tiegħu ġew *bullied* mill-imputat biex jieħu c-ċekkijiet hu: *"kien jinforza ruhu biex johodhom ic-cekkijiet....Tini c-ċekkijiet ha mmur inqassamhom jiena... Darba minnhom cempilli u qalli biex naghm illu cheque u ghajjarni diskors insomma"*. Ikkwota minn *email* li bagħat lil Formosa fid-29 ta' Marzu, 2016,[33] li tgħid *"I just had a telephone call on my mobile 16.32hrs from Mr. Edward Caruana who has referred to me as the 'l-iktar L*** li hemm hemm gew'. .... I humbly ask you to provide protection since this is tantamount to bullying which I consider unacceptable."*[34] Jgħid li Caruana *'did not take no for an answer'*, kien jagħmel l-arja minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala *canvasser* tal-Ministru *"Kien juża dik il-posizzjoni"*.[35] Fil-fatt kien jagħti ordnijiet u jgħid li l-ordni tal-Ministru kienet inkluż li iċ-ċekkijiet kellhom jiġu mgħoddija lilu.[36]

**Brian Giorgio**, Accounts Executive mal-FTS, xehed kif ġie avviċinat mill-imputat biex iċ-ċekkijiet ta' kuntratturi jibda jgħaddihom lilu sabiex hu, l-imputat, ikun f'pożizzjoni jikkowordina aħjar ix-xogħol li kien inkarigat minnu.[37]Wara li nforma b'dan lic-Chief Finance Officer Chris Pullicino, ġie awtorizzat jgħaddilu c-ċekkijiet. Il-prattika normali kienet li ċekk jiġi iffirmat mis-CEO u iċ-Chairman jew is-CFO, iċċemplu lis-*suppliers* jew lill-kuntratturi biex jiġbru ċ-ċekk u fl-istess ħin l-FTS tiġbor il-*VAT receipt*. Minn jiġbor iċ-ċekk kien jiffirma fuq reġistru. Meta c-ċekkijiet beda jiġborhom Caruana, ħadd ma beda jiffirma fuq dan ir-reġistru.[38]Caruana kien jiġbor ċekkijiet kemm għal xogħlijiet ta' Għawdex kif ukoll dawk konnessi ma xi xogħlijiet f'Malta, *"Kien jigi għalihom, jigborhom u jtihom hu lill-kuntratturi….l-ircevuti fiskali (tal-kuntratturi) kien jghaddihomli Mr. Edward Caruana"*.[39] Ix-xhud Giorgio[40] esibixxa wkoll dokumentazzjoni li turi l-ħlasijiet li saru lil Vella in konnessjoni mat-*tender* FTS CO5-13, CP3179/13.[41] Ġew indikati numru ta' ammonti li għadhom

---

[31] Fol.352
[32] Fol.355-356
[33] **Dok.CP** a fol.366
[34] Fol.357-359
[35] Fol.362
[36] Fol.363
[37] Fol.440
[38] Fol.442
[39] Fol.443-444
[40] Fol.1599
[41] Fol.1613 et seq

ma tħallsux fejn hemm arbitraġġ fuqhom.[42] Ix-xhud ikkonferma li *ledgers* preżentati mill-ispettur Stivala[43] huma r-reġistri li semma fejn min jiġbor ċekkijiet kienu jiġu mitluba jiffirmaw fihom. Kien hu li għaddihom lis-CFO, Chris Pullicino, biex jingħataw lill-pulizija.[44]

## L-allegazzjoni dwar *invoices/quotations* foloz

*Ix-Xhieda*

**Philip Rizzo,** CEO tal-FTS[45] bejn it-13 t'April, 2016 u l-1 ta' Diċembru, 2016 spjega kif fl-ewwel jum tal-ħidma tiegħu fi ħdan il-Fondazzjoni, irċieva sms mill-Ministru tal-Edukazzjoni biex jittratta ma Edward Caruana b'mod "*fair but firm*". Ġie ordnat jindirizza l-prassi li kienet inħolqot fejn Caruana kien jieħu ċekkijiet Għawdex biex jiffaċilita l-ħajja għall-kuntratturi Għawdxin.[46] Fis-17 t'April kien qara fil-gazzetta dwar l-allegazzjoni ta' tixħim tal-imputat u Robert Ciantar il-*project manager* ta' proġett ġewwa Għawdex.[47] Fit-22 t'April, 2016 ic-Chief Operating Officer Tony Muscat għaddielu *memo* li kien jgħid li numru ta' *claims* (kelma li tintuża mix-xiehda *interchangeably* ma "*quotations*") kienu deheru li kienu frawdolenti. **Il-*claims*** kienu seba' (7) u jlaħħqu l-ammont ta' €25,000 u kienu annessi mal-*memo*. Muscat informah li hu qatt ma kien ġie ikkonsultat dwar l-*award* ta' dawn ix-xogħlijiet, li seħħew 9 xhur qabel, u b'hekk ma setgħax japprovahom.[48] F' rapport tal-Perit Cornelia Tabone li ċċertifikat ix-xogħolijiet, intqal li dawn l-ammonti kienu *'fair and reasonable'*. Il-*quotations* li għaddew ma dan l-inkartament kienu datati Awissu w Settembru 2015 w il-persuna inkarigata fuq il-proġett kien l-imputat.[49]

Skond Rizzo, Tony Muscat qallu li d-dokumentazzjoni – esibita bħala **Dok.PR3**[50] - għaddihielu l-imputat il-jum ta' qabel. Jiġi rimarkat li meta jixhed Muscat jikkjarifika li l-*invoices* ġew mgħoddija lilu – mingħajr ma jindika preċiżament minn min – meta fl-uffiċċju tiegħu marru l-imputat, Camilleri u Portelli, Quantity Surveyor (QS) ta' Camilleri.

Rizzo jiddeskrivi l-azzjoni immedjata li ħa fuq dak il-*memo*: "*Peress li jien awditur, l-ewwel haga li ghamilt huwa ghamilt lista u hawn qed nesebixxi l-original*

[42] Fol.1642 et seq.
[43] **Dok.RSZ** a fol.894
[44] Fol.2057-2058
[45] Fol.12
[46] Fol.100-101. Vide *emails* **Dok.PR** u **PR1** a fol.131 u 132
[47] Fol.102
[48] Fol.103
[49] Fol.104
[50] Fol.136- 164. Dawn jiġu konfermati minn Anthony Muscat meta xehed a fol.333

*din mhux haga li saret wara, dak il-hin dak il-hin stess qbadt l-invoices diga deheru foloz ghax kienu kollha karti bojod mhux mitwijin, obviously came from the same typewriter, jekk kienu ilhom disgha xhur dawn* [Il-Qorti: Suppost kienu jidhru *wear and tear* kien hemm]. *Dawn kienu bojod karti imma propju jigifieri mill-ewwel tinduna ok u ghamilt schedule semplici li tghid is-seven projects kienu min .. u min kienu z-zewg quotations l-ohra biex nara hemmx pattern u mill-ewwel kien johrog illi erbgha ismijiet it-tenderjaw għal kollox anki fejn ma tifhimx f'dak l-inkarigu imma tittenderja ukoll tagħha. Tlieta minnhom kienu unsigned completely unsigned quotations unsigned kollox unsigned. L-unika wiehed li kien hemm il-firma kien hemm wiehed ta' Xmun Projects li deher illi għamel ix-xogħol hu it-transpired anke meta ma kienux f'ismu meta ma rebaghhomx hu, hu deher li għamel ix-xogħol u kien hemm firma ohra ta' Joe Carabott kuntrattur Joe Carabott. Jien saqsejt din il-firma ta' Joe Carabott billi kienet l-unika wahda iffirmata min dawn l-invoices, taqbel ma' firem ohra li ghandna hawn gew ta' Joe Carabott?.....U irrizulta li huwa totalment differenti u hawn kopji tal-firem".*[51] Kompla billi għamel *chart* li kienet *summary* tal-*memo* ta' Muscat.[52] Eventwalment irrifjuta li jħallas dawk l-*invoices* u xi żmien wara il-Perit Tabone staqsiet għaliex ma ġewx mħallsa. *"U jien irrispondejta dak inhar stess u ghedtilha illi jien ma hallastx ghax ghandi d-dubji ghax ta' qabli ma ridx jiffirma u ghax il-Perm Sec ma ridx jiffirma ghedtilha jekk dawn jhossu li qed naghmel xi haga ingusta, jiehdu azzjoni kontra l-FTS."*[53] Peress li l-kuntratturi li kienu bagħatu l-*invoices* baqgħu jinsistu biex jitħallsu, hu sejjaħ *meeting* li għalih marru l-kuntratturi msejjħa kollha għajr għal tnejn fosthom il-kuntrattur Joe Carabott. Meta urihom l-*invoices* dawn ma kienux konsapevoli tagħhom anzi qalu li <u>ma kienux kredituri tal-FTS</u>.[54] Rapa kien qallu li l-firma fuq *invoice,* allegatament tiegħu, ma kienitx tiegħu u *"L-ohrajn hadd ma jaf x'qed jigri u wrejthom qaluli le taf ahna ma hdimnix jigifieri ma jafux bil-quote [recte:invoices]"*[55]. Ġew esibiti l-minuti tal-laqgħa.[56] Ix-xhud jiddikjara li xogħol l-imputat kien Project Management iżda fl-FTS ma kienx hemm *record* ta' dak ix-xogħol, ta' *tender* jew *purchase orders* relattivi. *"Hu kien jieħu hsieb ix-xogħol kollu ta' Għawdex including building work or refurbishing work"*.[57]

Lejn l-aħħar ġimgħa t'Awissu 2016, Tony Muscat informah li l-imputat kien qed iċċempel lil Joe Carabott, il-kuntrattur inkarigat mill-kisi tal-iskola f'Ħad-Dingli, li beda jħeġġu biex itawwal ix-xogħol biex il-Fondazzjoni tidher f'dawl ikrah. Peress li ġie mgħarraf ukoll li Caruana staqsieh għal flus,[58] Rizzo ddeċieda li jmur ikellem lil Carabott personalment u skond Rizzo dan ***"beda***

[51] Fol.05-106
[52] Fol.106-107. Vide **Dok.PR4** a fol.169
[53] Fol.110-111
[54] Fol.111
[55] Fol.112
[56] **Dok.PR8** a fol.198-200
[57] Fol.114
[58] Fol.115

***jibki u jghidli li ma setax jkompli jhallas flus lill Edward Caruana*** *għaliex ma kienx qed jagħmel profitt ghax biex ha dan ix-xogħol ha ta' rati baxxi hafna."* Carabott semmielu wkoll kif l-imputat ried jieħu *commissions* mingħandu w ***"kien qed jippressah biex jhallas tlieta fil-mija tal-valur tax-xogħol fuq Tas Swatar u li jissuplixxih 40 foot container tal-madum li kien ghazel Edward u qallu trid iggibuli"*** Rizzo informa b'dan kollu kemm liċ-Chairman kif ukoll lil Ministru għall-Edukazzjoni.[59] Ġie nfurmat b'laqgħa li Carabott kellu mal-Ministru fejn dan innega l-allegazzjoni dwar il-flus u madum. Madanakollu, u anke fuq suġġeriment tal-istess Ministru,[60] il-każ ġie rappurtat lil Pulizija.[61] F'April, meta ġie nfurmat li Caruana kien qed iwassal iċ-ċekkijiet lil *suppliers* hu, waqqaf din il-prattika.[62] Irriżultalu wkoll li s-*suppliers* li Caruana kien qed jwasslilhom iċ-ċekkijiet hu personalment kienu l-iktar *suppliers* li bbenefikaw minn ħlasijiet fuq *variances.*[63] Rizzo semma kif wara li saret it-tieni allegazzjoni, Edward Caruana w l-assistant tiegħu ġew trasferiti f'uffiċċju l-Mtarfa w dan anke fuq struzzjonijiet tal-Ministru għall-Edukazzjoni.[64] Riprodott Rizzo ikkonferma li d-dokumentazzjoni esibita minnu[65] meta xehed it-tieni darba fl-1 ta' Frar, 2018, hi kopja ta dokumenti oriġinali li jinsabu fil-*files* tal-FTS *"għaddejt minnhom personalment"*. L-oriġinali ġew mgħoddija lill-Pulizija. Għaraf il-kalligrafija fuq annotamenti bħala tiegħu.[66] Rizzo ikkonferma l-*invoices/quotations*[67] oriġinali esibiti bħala dawk li kellhom x'jaqsmu max-xogħlijiet f'Għawdex *"Dawn huma kollha oriġinali li ahna konna tajnikom".*[68]

---

[59] Fol.116-117
[60] **Dok.PR10** a fol.208
[61] Fol.118-119
[62] Fol.120
[63] Fol.120-121
[64] Fol.125. Vide **Dok.PR13** a fol.297 et seq
[65] **Dok.PR sa Dok. PR16** a fol.131 sa 326
[66] Fol.2466
[67] Fol.1552-1582
[68] Fol.2467

**Anthony Muscat**, Chief Operating Officer mal-FTS bejn 2013 u 2016, spjega kif f'April 216 marru l-uffiċċju tiegħu l-imputat, il-kuntrattur Simon Camilleri u John Chetcuti li kien josserva x-xogħol u *quantity surveyor* (QS) **li ħadulu *invoices* dwar *variations* biex japprovahom**. Hu ntebaħ li dawn kienu *"shady"* u għaddihom lil Rizzo, is-CEO. Dawn il-*quotations* ġew preżentati sitt xhur wara li tlesta x-xogħol meta hu ma kien jaf xejn dwar ix-xogħlijiet li suppost dawn l-*invoices* kellhom ikopru.[69] Ikkonferma **Dok.PR3**[70] bħala dokumenti relatati mal-*invoices* li kienu ġabulu.[71] Muscat kien preżenti meta Rizzo sejjaħ għal kuntratturi li lilhom dehru li jappartjenu l-*invoices*: *"Kien hemm minnhom kienu sorprizi li bazikament kellhom jiehdu xi flus mill-fondazzjoni u kien hemm ohrajn minnhom, ijja, li bdew jghidu li il-firem tagħhom, il-kwotazzjoni mhix tagħhom vera igifieri..... kienu sorprizi...U qed jghidu li huma ma kienux involuti."*[72] Joseph Caruana kien qal li l-affarijiet elenkati fuq l-*invoice* verament inxtraw minn għandu w kien tħallas.[73]

Fiż-żmien li kienu qed isiru xogħlijiet fuq żewġ skejjel kien hemm *tender* li saret fl-2014 għal ***toilets***. Għalkemm Noel Borg, li kien inkarigat minn xogħol ta' servizzi, kellu *tender* għal xogħlijiet ġenerići ta' *maintenance*, it-*tender* għat-*toilets* ġiet assenjata lill-kuntrattur ieħor.[74] Muscat semma kif ma kienx qed jiġi nfurmat bil-fatt li kien hemm *variations* liema *variations* laħħqu l-ħamsa w għoxrin elf, *"L-invoices qed juru l-ghala saru dawn il-variations kollha. Biss jiena at that time ma kontx infurmat li qed isiru dawn il- variations..... jiena gew ghandi biex napprovhom, wara li sar ix-xogħol**.....***jiena m'approvajtx variations qabel...Din totally saret minghajr l-approvazzjoni tieghi."*.[75]Kien biss f'April, 2016, seba' xhur wara li tlestew ix-xogħlijiet, li l-Perit Cornelia Tabone kitbet lil Rizzo tispjegalu għaliex kien hemm dawk il-*variations*. Madanakollu fiż-żmien li saru dawn ix-xogħlijiet, li għalihom kien risponsabbli l-imputat, hu ma kienx ġiex nfurmat bihom. Dwar Caruana jgħid *"kellu l obligazzjoni li jgħid lili. Li jiddiskuti mieghi u jien napprovhom, u mhux minn wara.....normally li jsir hija li meta ikun hemm variation kienu jigu ghandi, u ahna niddiskutu, naraw l-ezitu tagħha u jekk hemmx bzonn u jekk ix dika u tigi apoprovata qabel......F'dal-Kaz ma sarx hekk..... dakinhar t'April, igifieri sitt xhur wara li sar ix-xogħol gew ghandi biex napprovhom* [il-pagamenti]*."*.[76]

---

[69] Fol.330-332
[70] Fol.138-164
[71] Fol.333
[72] Fol.334
[73] Fol.335
[74] Fol.336
[75] Fol.337-338
[76] Fol.339

Muscat iddeskriva wkoll kif Joe Carabott, li kien qed jagħmel xogħlijiet fuq skola f'Ħad-Dingli, għall-ħabta ta' Ġunju, Lulju tas-sena 2016, informah li Caruana qallu *"to slow back ix-xogħol, speci, biex qisu ma nlahhqux id-deadlines li kellna. Kienu ga difficli*[77]*..... Ukoll kien qalli li bazikament, huma il-kuntratturi ma kienux ser jithallsu for additional works, u kien qalli ukoll li kien intalab xi flus minn Edward*[78]*.....xi container madum*[79]*"* Dan minkejja li l-imputat ma kellu l-ebda *input* f'dan il-proġett li tiegħu Muscat kien il-*project manager.*[80] Issemmi kif fil-bidu kien maħtur bħala *Project Manager* ċertu Robert Cutajar iżda wara li Rizzo u Muscat wrew il-fehma li l-proġett ma kienx ser jitlesta fil-ħin, sar *project manager* hu.[81] Ix-xhud kompla li kien Rizzo li waqqaf il-prattika li kuntratturi jitħallsu b'ċekkijiet u minflok beda jsir *direct payment* tramite il-banek. Caruana, li kien risponsabbli mix-xogħolijiet f'Għawdex kien jieħu c-ċekkijiet tal-kuntrattur u jġib ir-riċevuti hu.[82]

Riprodott ikkonferma l-oriġinali tad-dokumentazzjoni esibiti a fol.137-165 bħala **Dok.PR3** (liema *originals* ġew esibiti bħala **Dok.RSI).**[83] Esibixxa wkoll[84] t-*tender documents* relatati ma tlett kuntratti, *'Construction of New Sixth Form, Gozo FTS CO5-13'; 'Supply and Installation of Sanitary Ware and Plumbing Systems for Various Schools in Gozo FTS 157-14'* u *'Bathroom Refurbishment works at Victoria Primary School and Nadur Primary School, FTS 130-14.*[85] Meta reġa' ha l-pedana tax-xiehda[86] ikkonferma wkoll id-dokumentazzjoni oriġinarjament esibita - *Memo* li bagħat lil Rizzo[87] - kif ukoll fl-oriġinal[88] li kienu jittrattaw it-*tender* FTS 157-14. Ikkonferma d-dokumentazzjoni relatata mat-*tender* FTS 130-14[89] fejn Xmun Projects Limited ingħatat *order to start works.*[90]

**Il-Perit Cornelia Tabone** spjegat l-involviment tagħha f'*tender* għal *refurbishment* tat-*toilets* fl-iskejjel tan-Nadur u ta' Vajrinġa. Fil-*bill of quantities* rigward ta Vajrinġa kien hemm affarijiet neqsin u gidbet l-attenzjoni tal-FTS dwarha. F'Novembru 2014 saret taf li t-*tender* ħadha Simon Camilleri, Xmun Projects. Qabel l-Għid tal-2015 kien wasal iż-żmien biex jinbeda x-xogħol fuq

---

77 Fol.340
78 Fol.341
79 Fol.342
80 Fol.340-341
81 Fol.344-345
82 Fol.345
83 Fol.1552-1583
84 Fol.945-946
85 **Dok.BGZ** , *Vol.IV* a fol.947 et seq
86 Fol.1848-1849
87 Fol.136
88 Fol.1143 et seq
89 Fol.1352
90 Fol. 1353 et seq.

ta' Vajrinġa iżda t-*time frame* ma kienx biżżejjed biex isir dak ir-*refurbishment.* *"Imbaghad fil-31 t'Awwissu tal-2015, is-Sur Edward Caruana u s-Sur Simon Camilleri, baghtuli biex nikkalkula t-travi li kien hemm bzonn għal dik l-iskola ghax jiena imbaghad minn hemm hadtha li ddecidew li jnehhu l-hitan tal-kantun biex jagħmlu t-travi….Ikkalkulajt it-travi imbaghad fit-3 ta' Settembru baghathom lil Simon Camilleri. ..... fit-3 ta' Settembru baghtlu d-daqsijiet tat-travi u fl-4 ta' Settembru is-Sur Edward Caruana talabni biex naghmel supervizjoni tat-travi li jien ordnajt u mort biex nara li t-travi li ordnajt li jitpoggew u rajthom ukoll jinstallaw, ma rajtx il-process kollu imma rajthom idahhlu t-travi fl-iskola u jipprovaw itellghuhom. .... imbaghad fil-5 ta' Settembru, is-Sur Caruana kien baghtilna email li x-xogħol irid jitlesta sal-20 ta' Settembru [2015] minhabba li wara li jitlesta x-xogħol irid isir it-tindif qabel ma jidhlu t-tfal ġewwa l-iskola…. minn dakinhar ma kelliex involvement aktar. Kont tlabt li jaghtuni kopja tal-quotations halli jiena x'hin naghmel il-kont biex niccertifika x-xogħol sar ikolli l-quotations ir-rates li jkunu kkwotaw u l-kopja tat-tender".* Spjegat li l-*quotations* kienu rigward ix-xogħlijiet addizzjonali li ma kienux inklużi fit-*tender* u dawn talbithom mingħand Simon Camilleri, il-kuntrattur,[91]għax *"mix-xogholijiet li kien hemm lilu rajt jaħdem u tlabtu wkoll il-kopja tat-tender li kienet giet approvata mill-FTS halli jiena nqabbel ir-rates. Minn dakinhar ma smajt xejn aktar fuq il-każ, jigifieri ma tawnix quotations, ma tawniex it-tender, allura jiena l-kont ma hdimtux…. u lanqas kejjiltu ghax minn dakinhar ….Le ghax l-irwol tieghi fl-ahhar sena mal-FTS ghax jien kont nahdem part time u nahdem self employed u kien qed jehodli hafna hin is-self employed, kejl tax-xogħol u hekk allura l-FTS kienu qaluli li jien ser inkun responsabbli tac-certifikazzjoni li x-xogħol sar skond is-sena u l-arti biss"[92].*

Tispjega li l-aħħar kejl għal FTS sar fl-2014 *"kejjilt u ccertifikajt imma imbaghad kienu qabdu quantity surveyor biex ikejjel ix-xogħol, jien kemm nivverifika u niccertifika r-rates li jkun inkiteb mar-rates li kien hemm fit-tender jew fil-quotation".* Ix-xogħol ġie komplut f'Settembru 2015. F'April 2016 kien hemm laqgħa mal-kap tal-iskola li nżammet fix-Xagħra *back office*. Kienet laqgħa biex il-QS, li kien bagħtilha kont bl-affarijiet approvati fit-*tender* u x-xogħlijiet żejda li kien hemm, jgħaddilha r-*rates* kollha li kien hemm biex hi tkun tivverifikahom ma dawk li taha il-QS. *"Tawni l-quotations, u l-quotations tal-additional works u jiena iccekjajt liema mill-quotations kien l-irhas biex nara l-quantity surveyor fil-lista tiegħu r-rate li tefa' kinitx l-istess tal-quotation, tal-irhas quotation ta' min ha x-xogħol u ffirmajt li x-xogħol kien ġie komplut…Ta' xogħol li diga sar".*[93]Iżżid li ma rat xejn stramb li kienet qed tagħmel dan wara li x-xogħol kien tlesta għaliex ħasbet li l-FTS stess approvathom *"ghax biex isir dak ix-xogħol bilfors irid ikun approvat mingħand xi hadd".* Ma tafx tispjega għaliex ġew ippreżentati l-*quotations* lilha f'April, 2016 iżda dak li għamlet kien li qablet il-*quotations* mal-*bill of quantities* li taha l-

[91] Fol.415-416
[92] Fol.416
[93] Fol.417

Quantity Surveyor (QS), ivverifikat li r-rati tal-orħos *quotation* huma dawk li hemm fil-*bill of quantities* u iffirmat kemm il-*bill of quantities* u l-orħos *quotation* ta' kull biċċa xogħol bid-data ta' dakinhar. Żammet kopja billi ħadet ritratt tal-istess dokumenti.

Il-Perit tgħid li John Chetcuti kien jiġbor il-*quotations*. Meta tlesta x-xogħol hi talbet lill-kuntrattur *"kopja tal-quotations tiegħu halli nikkomparhom mal-bill ghax ma kelliex quotations fuq xiex nikkomparhom, biex ma nigix dak il-hin u nikkomparhom dak il-hin ghax bit-tfexfix zbalji niehu, mal-kuntrattur ma jidhirlix li kelli korrispondenza ohra, ma niftakarx li kelli ha nghid hekk".*[94] Issemmi kif Edward Caruana talabha tkellem lil Rizzo biex iħallas lill-kuntrattur Simon Camilleri ta' Xmun Projects u fuq talba tiegħu bagħtet kommunikazzjoni lil Camilleri[95] li permezz tagħha ingħatat il-ġustifikazzjoni għaliex kien hemm dawk il-*variations*. Tkompli *"l-gustifikazzjoni kienet li fit-tender kien hemm hafna items neqsin apparti dak li semmejt li l-hitan kienu tal-kantun u kellhom jitnehhew u jsiru travi, kien hemm anke affarijiet bazici bhal per ezempju t-toilet bowls u sinks ma kienux hemm, kien hemm t-toilet bowl tat-tfal tal-kindergarten tal-Vajringa ma kienux hemm lanqas, kien hemm ta' zewg toilets u kien hemm hafna affarijiet neqsin…"*. Ġara iżda li Rizzo nfurmaha[96] li ma qabilx mal-pagamenti addizzjonali wara li qies li l-kont bħala wisq għoli kif ukoll kellu dubbju fuq il-*quotations*.[97] Il-Perit ikkonfermat id-dokumenti oriġinali li kienet diġà ġiet esibita kopja tagħhom.[98]

Spjegat li wħud kienu jirrigwardaw it-tneħħija tal-*asbestos*, tat-tankijiet tal-*asbestos*[99] u oħrajn kienu rigward is-*supply* tat-travi tal-ħadid.[100] Il-*quotations* jidhru li ġew għandha fl-20 t'April, 2016, u mhux il-*quotations* kollha ġew iffirmati minnha.[101] Kien hemm ukoll *covering letter* tagħha rigward is-*supply* u *installation* tas-*sanitory ware, toilets, sinks*, li ma kienux inklużi fit-*tender*.[102] Tabone tispjega *"Issa l-ewwel quotation 1562 hija annessa mal-1563. Jiġifieri jiena ffirmajt il-1563. Issa l-<u>1564, 1565 ma humiex iffirmati minni</u>. ... Issa l-1566 dak kien fuq it-tneħħija tad-drenaġġ, tas-sistema tad-drenaġġ u installation ta' toilets, sinks u handrails. U 1567 huwa l-quotation iffirmat mingħandi wkoll li x-xogħlijiet saru u li huma correct. U l-<u>1568, 1569 dawk huma quotations oħra fuq l-istess xogħol imma ma humiex iffirmati minni.</u> Naħseb dawk. ... 1570 dan kien covering letter biex jiġu nstallati żewġ (2) travi ggalvanizzati, I-beams. L-ewwel quotation iffirmata mingħandi ... 1571. <u>1572 u 1573 ma humiex iffirmati mingħandi</u>, relatati mal-istess quotation. ...*

---

[94] Fol.418
[95] **Dok.PR7** a fol.187 et seq
[96] Fol.190-192
[97] Fol.419-420
[98] Fol.1552-1580
[99] Fol. 1552, 1553, 1554 u 1555
[100] Fol.1556, 1557, 1588, 1559 u 1560
[101] Fol.2041
[102] Fol.1561

*1574 il-covering letter tiegħi biex sar is- saqaf tal-konkos. Issa dan l-ewwel quotation 1575 qegħda iffirmata mingħandi. U 1576 u 1577 ma humiex. Issa 1578 dan biex jitneħħew il- ħitan eżistenti u l-partitions li kien hemm, għax kienu partitions tal-ġebla maltija, biex jitneħħa s-saqaf... diki l-covering letter qegħda 1578. Il- quotation iffirmata qegħda 1579 mingħandi. 1580 u 1581 huma l- quotations l-oħra. ... Dawn kienu saru fl-iskola tal-Vajringa, Vajringa Primay, ir-Rabat Għawdex.".*[103]

**John Chetcuti,** *Project Supervisor* mal-FTS, spjega kif kien iżur l-iskejjel li kienu qed isirilhom xogħlijiet f'Għawdex, dawk tan-Nadur u ta' Vajringa. Il-kuntrattur kien Simon Camilleri w il-Perit Cornelia Tabone kienet inkarigata mix-xogħol. Meta tlesta x-xogħol minn Camilleri irriżulta li kien hemm xogħol *extra* mill-*Bill of Quantity (BOQ).*[104]Kien biss waqt laqgħa li saret fl-iskola tax-Xagħra mal-Perit, Camilleri, il-QS u l-imputat, li saru jafu b'dan ix-xogħol *extra* għaliex l-imputat staqsieh kif ser jithallas Camilleri u kif ser isiru l-*quotations*. Caruana kien il-*lead* fuq proġetti ta' Għawdex. Ikompli *"Jiena inhsadt dak il-hin ghax normalment taghmilhom qabel u jien ix-xogħol ma stajtx niddentifikah jiena….. ghall-argument jekk hemm mejda zejda li ma kinetx fil-BOQ ha nghidu hekk, kont ingib il-quotation qabel isir ix-xogħol, dik biss……* ***Is-Sur Caruana ux staqsieni, kif ser naghmlu għalihom biex ikun jista' jithallas dan ir-ragel, il-kuntrattur."***. Dan seħħ meta x-xogħol kien ġa tlesta.[105] Ħass li dan kollu kien stramb għax xogħol ta' *quotations* isiru qabel ma jsir ix-xogħol u mhux meta dan jitlesta; ma jafx għaliex ma sarx kif suppost. Caruana kien ċempillu biex jgħidlu li Camilleri kellu dawn il-*quotations* iżda hu wieġbu *"jiena mhux ha naghmel karti għalihom ghax jien naghmilhom qabel".* Ma Caruana kien hemm Camilleri u ġie deċiż li jagħtuhom lil Tony Muscat.[106] Qatt ma reġa' rahom wara li dawn għaddew għand Muscat.[107]

**Simon Camilleri,** li jagħmel xogħol ta *turnkey*, iddeskriva kif ħa *tender* nru 13014 għal *refurbishment* ta' *toilets* tal-iskejjel ta' Vajringa u tan-Nadur.[108] It-*tender* ħareġ fit-12 ta' Settembru 2014; ġie *awarded* it-*tender* fis-17 ta' Novembru 2014 u fl-24 ta' Novembru 2014 ingħata l-*order to start works*. Tlesta x-xogħol fl-iskola tan-Nadur f'Diċembru tat-2014 u f'Settembru 2015 inbeda dak ta' Vajringa. X'ħin nbeda x-xogħol sabu li kien hemm ħafna aktar xogħlijiet li kellhom isiru tant li anke bdew jaħdmu wara l-ħin. Waqt li kienu għaddejjin dawn ix-xogħlijiet Caruana, inkarigat mill-FTS fuq ix-xogħlijiet, u l-Perit Cornelia li kienet il-perit tal-proġett. *"Peress li x-xogħol kien mghaggel u l-iskola riedet tiftah malajr u ovvjament ma tistax tiftah minghajr toilets ahna konna nibqghu*

103 Fol.2041-2042
104 Fol.558
105 Fol.559
106 Fol.560-561
107 Fol.562
108 Fol.383

*ghaddejjin biex nibqghu ghaddejjin bix-xogholijiet. Mela fis-6 t'April 2016, konna ghaddejna l-kont lill-Perita ta' Cornelia u ovvjament il-kont ġie iktar milli kien hemm fit-tender…. ..... Il-kuntratt kien ta' xi thirtheen thousand, ta' xi tlettax-il elf u l-kont tela' għal xi hamsa u tletin filfatt…. Issa r-raguni li telghu dawn l-ammonti kollha, li kien hemm xogħol perikoluz, xogħol li ma kienx imnizzel fit-tender ovvjament, u hafna extras .... .. [il-kont ġie mghoddi lil Perit] .... u minn hemm gejt infurmat li l-kont ma jistax jigi pprezentat l-FTS peress li kien hemm ammont kbir ta' flus li kienu qabzu l-kuntratt.* ***Kemm il-Perita u kemm Edward kienu nfurmawni, avzawni li biex inkun nista' nigi mhallas, id-differenza tal-ammont irid jigi maqsum fi quotations…. Il-Perita u anke Edward kienu xi hadd minnhom insejt ezatt min kien li [qalli] jridu jinqasmu fi quotations izghar biex inkunu nistghu nithallsu u l-quotations ma jridux ikunu kollha fuqi iridu jkunu fuq xi haddiehor biex almenu ma nidhirx ikrah jien, li taparsi hadt….. imbaghad Edward kien qalli ara lil min ghandek taghti l-flus specjalment fuq il-progett u nohorgu quotations fuqhom.".*** [109] Tenut kont li biex għamel il-proġett kien inqeda mingħand diversi *suppliers* kif ukoll kera inġenji, **hu** beda jdur fuq dawk li kellu jtihom. Kellem lil ċertu Gordon Borg li krielu l-makkinarju u għamillu *quote* fuqu. Peress li oriġinarjament kellu jagħmel ix-xogħol tal-konkos Borg iżda spiċċa għamlu Camilleri tah *quotation* tal-ammont li kellu jtieh. L-istess Michael Caruana li kellu l-materjal x'jithallas. L-imputat Caruana kien dawwar *invoices* li nħarġu fuq Camilleri għal fuq l-FTS. Michael Caruana wkoll kien dawwar *invoices* għal fuq FTS fuq talba tal-imputat.

Minn hawn jidher ċar li kien **Camilleri waħdu** li ha l-iżbriga jara minn fejn ser iġib il-*quotations/invoices* li kellhom jinħarġu fuq l-FTS! Saħansitra ħareġ *invoices* fuq Gordon Borg meta x-xogħol għamlu hu stess.

Fil-fatt muri *quotations* maħruġa minn Gordon Borg Concrete Works għal xogħol ta' *Formation of Cast Insitu Suspended Slab*[110] u *Breaking of existing roof, dismantling of existing walls and dumping charges,*[111]Camilleri jammetti li x-xogħol għamlu hu stess**.**[112] L-*quotations* li ppreżenta kienu ta' JC Contractors, Gordon Borg u tiegħu. Filwaqt li t-*tender* tħallas, kif anke jidher li tħallas Caruana, huma ma kienux għadhom tħallsu għax-xogħol *extra* li kien sar u kien fadal jithallas mad-€19,000 mill-FTS.[113]Spjega kif wara xi żmien il-Perit talbitu biex jgħaddilha l-*quotations*.[114] Kien għaddielha l-kont iżda *"l-Perita kienet bagħtitli email, fejn qed titlobni biex ngħaddilha l-quotations personali".* Louis Portelli il-QS **tiegħu** tahom lil Perita iżda peress li ma kienitx ser tlaħħaq tmur bihom Malta, **mar bihom**

[109] Fol.384-385
[110] Fol.162
[111] Fol.168
[112] Fol.388
[113] Fol.389
[114] **Dok.SC1** a fol.394

**għand Edward Caruana** li ħadu bihom għand Tony Muscat.[115] L-imputat kien iċċempillu ta' spiss fuq dawn il-*quotations* u darba minnhom beda jgħajjat miegħu jgħid li mhux hu kien għamilhom u sabiex Camilleri jgħid li għamilhom hu. [116] Ix-xhud esebixxa email li bagħat lil Caruana fis-6 ta' Novembru, 2016, fejn informah li x-xogħlijiet fuq it-*toilets* ta' Vajrinġa tlestew.[117]

**Gordon Borg,** kuntrattur, li għamel xogħol fuq l-iskola ta' Vajrinġa, xehed kif kien dovut flus għall-makkinarju li kera lil Simon Camilleri. Ix-xogħol oriġinarjament kellu jagħmlu hu iżda imbagħad għamlu Simon u hu krielu l-għodda w l-makkinarju li kellu bżonn.[118] *"Jien kont għamilt il-quotations lil Simon, imbagħad **Simon qalli biex tigbor il-flus ghamilhom fuq l-FTS**…. Il-quotation hallejniha l-istess wahda…kien qalli biex inhalluha",* iżda biex jithallas kellu johrog l-*quotation* fuq l-FTS. [119] Muri il-*quotation* a fol.162 "Gordon Borg Concrete Works" jiddikjara li kien is-*surveyor* tiegħu li ħareġ id-dokument u dan bil-permess tiegħu. Jikkonferma li *quotation* oħra [120]għall-tkissir ta' saqaf u ħitan fl-ammont ta' €4,981.00 *"Dik quotation li kont tfajtha biex nieħu x-xogħol u ma ħadthiex għax kien hemm orħos minnha…Ix-xogħol [ma ħadtux] le."*[121]

**Noel Borg**, kuntrattur li jagħmel xogħol *electrical u mechanical*, xehed li waqt *meeting* li sar fl-FTS minn Rizzo, ġie muri *quotations* intestati *Noel Borg – Electrical and Plummer [sic] Service*[122] għal €4,509,00 u €6,315.48 rispettivament u insista li dawn ma kienux maħruġa minnu *"Le ma humiex tiegħi".*[123] Ma għamel l-ebda xogħlijiet fl-iskejjel tan-Nadur u f'ta Vajrinġa u ma kellu jieħu l-ebda flus.

**Joe Debono**, direttur tal-kumpanija P & J Debono Construction, meta muri *quotations* intestat 'P & J Debono Construction Ltd.'[124] jinnega li dawn kienu maħruġa mill-aġenda tiegħu *"Dak id-dokument ma ħriġniehx aħna, mhux mill-kumpanija tagħna. ... Karta oħra bħal ma rajt ta' qabilha, quote, hawn isimna fuq, isem il- kumpanija tagħna, imma ma ħariġx mill-kumpanija tagħna. ... Dawn id-dokumenti Sinjura Maġistrat ma ħriġnihomx il-kumpanija tagħna u lanqas għamilna xogħol mal-FTS jew ma niftakarx x'kienu... ".*[125] **Joe Paul Rapa**, direttur ta' Rapa Showrooms, xehed kif Philip Rizzo talab laqgħa miegħu u wrieh *quotation* li mill-ewwel intebaħ li ma kienitx tal-kumpanija tiegħu. Muri *quotations* intestati Rapa

---

[115] Fol.391
[116] Fol.392
[117] **Dok.SC** a fol.393
[118] Fol.395-396
[119] Fol.397
[120] Fol.168
[121] Fol.398
[122] Fol.150 u 173
[123] Fol.400-402
[124] Fol.1573 u 1580
[125] Fol.2038-2039

Showrooms Limited [126] jikkonferma li mhix tiegħu *"l-ewwel santa haga niffirmahom jiena u t-tieni santa haga il-logo mhux mhux taghna dak".* [127] Kien ssupplixxa xogħol ta' *toilets* sinkijiet u madum lil Xmun Projects għall-iskejjel tan-Nadur u Vajrinġa iżda ma kellux x'jaqsam mal-FTS. Ta' dan ix-xogħol kien tħallas mingħand Xmun Projects u ċioe mingħand Simon Camilleri. [128] **Joe Carabott** meta muri dokumenti[129] ukoll jgħid li ma jaf xejn dwarhom u *"Mhux il-firma tiegħi…**Din il-firma ma hijiex tiegħi lanqas**."*[130].

**Dr. Michael Caruana**, direttur fil-kumpanija Joseph Caruana Limited, jixhed li kienet inbiegħet merkanzija lil FTS u ġew imħallsin dak dovut: [131] *"Mela oriġinarjament ix-xogħol ġie ordnah ċertu wieħed Simon Camilleri, Xmun Projects Company Limited .... u ġie ħadu hu stess. Eventwalment kien ġie talabna, biex il-materjal li kien ha, kienu żewġ invoices, jiġu mgħoddija fuq l-FTS, Foundation for Tomorrow Schools, ghidtlu imma jien ma nistax naqbad u nibdel minn fuq persuna għal ohra jekk ma nkunx awtorizzat. .....ahna ghidnilu isma ahna l-importanti li rridu nithallsu issa jekk hux mill-FTS jew inkella jekk l-FTS ma jhallsuniex, int ha tibqa' responsabbli biex thallasna. Qalilna ma hemm l-ebda problema, filfatt hrigna credit note ta' zewg invoices favur Simon Camilleri u hrigna zewg invoices godda illi kienu f'isem l-FTS….Simon kien hadhom l-affarijiet Settembru, Ottubru, ma niftakarx preciz ….Tal-istess sena, jekk miniex sejjer zball, ghax bl-amment ma niftakarx, pero' il-credit notes hargu fl-18/04/2016 u l-invoices hargu fl-istess gurnata….".* [132] Kienu diġà inħarġu *invoices* lil Xmun Projects u fil-fatt ħarġet *credit note.*[133] Muri fol.138 u 144, *invoices* bil-*logo design*, ikkonferma li l-*invoices* kienu tal-kumpanija tiegħu fejn kien hemm anke il-firma ta' Simon Camilleri, iżda meta muri *quotations*[134] oħra (li fuqhom m'hemmx il-*logo design* u d-dettalji telefoniċi iżda biss kliem Joseph Caruana Company Limited il-*company registration number* u l-*VAT number)* jgħid ċar u tond li dawn ma kienux *quotations* tal-kumpanija tiegħu. Jixhed *"zgur ma hrignijiex ahna. Ahna ma ghandiex dawn it-tip ta' quotes ….Dan mhux dokument li nohorgu ahna, jigifieri l-format tiegħu tiegħu huwa differenti mill-format li nohorgu ahna meta nohorgu quotations in particular meta tkun Dipartiment tal-Gvern, tkun ufficjali qisha…. bil-letterheads taghna u l-affarijiet isiru, din mhux taghna zgur…. **Il-quotations ma humiex taghna zgur. L-invoices huma taghna zgur".***[135]

---

[126] Fol.141 u 145
[127] Fol.411
[128] Fol.412
[129] Fol.1555; 1567; 1571 u 1576
[130] Fol.2043-2045
[131] Fol.405
[132] Fol.406
[133] Fol.407
[134] Fol.139, 143,
[135] Fol.407

**Eżazzjoni w Korruzzjoni**

*Ix-Xhieda*

**Anthony Cachia**, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti esebixxa vera kopja tal-kuntratt CT3098/2015 mirbuħ minn Joe Carabott, li kien jirrigwarda '*Tender for Plastering and Painting Waorks at the New Secondary School at rabat L/O Dingli'*.[136]Riprodott esebixxa kuntratt fuq *tender* li tirrigwarda *Construction of a New Sixth Form at Victoria, Rabat, Gozo*[137] u kopja tat-*tender*[138] li nħareġ u kif intrebaħ.[139]

**Joseph Carabott** li jagħmel xogħol ta' *turnkey*, xehed kif fis-sena skolastika 2015-2016, ingħata xogħol ta' tikħil u kisi fl-iskola tas-Swatar, Ħad-Dingli. Edward Caruana ma kellu l-ebda rwol fuq il-proġett, u *"qatt ma rajtu hemm"*. Peress li x-xogħol kien mgħaġġel kien qallu li qed jagħmel xogħol żejjed li jista' ma jitħallasx għalih.[140] Dwar diskors li qal Rizzo li jinvolvu lilu w lill-imputat jgħid li Rizzo qala *"ispluzzjoni ghalxejn fuqi….. Dak kien ġie fuqi, qatt ma kellimni, filghodu lanqas kont naf min hu, kien jehodli b'idejja taparsi, prosit hekk trid tahdem, kulhadd ifahhrek, jerga jigi għada, prosit u darba minnhom ġie u qalli s-Sur Caruana talbek flus? Ghidtlu s-Sur Caruana lili peress li ġie fuqi gas down,* ***ghidtlu lis-Sur Caruana ha ngiblu container madum jien, ghidtlu b'daqshekk fiha xi haga?*** *Fil-Qorti imbaghad qal li jien ghidtlu li ser ingiblu container tal-erbghin, lanqas tezisti fid-dinja…….. Jien ma ghidtlu xejn f'dawn l-affarijiet li qed jivvintaha hu."*.[141] Riprodott jiġi muri dokumenti[142] fejn jgħid li ma jaf xejn dwarhom u *"Mhux il-firma tiegħi…**Din il-firma ma hijiex tiegħi lanqas**."*[143]. Għal kuntrarju dokumenti oħra[144] *"Il-firma jien qed naraha li hija tiegħi ta' fuq. ... Dan naħseb li xi biċċa xogħol tiegħi li għamilna 'Suspended ceilings'... , ninety nine per cent (99%) hija tiegħi jiġifieri."*[145]

**Giovann Vella**, bennej u kuntrattur fi ħdan Gozo Developments Company Ltd. li tagħha hu d-direttur, spjega kif wara li rebaħ *tender* beda xogħlijiet fl-iskola tas-sekondarja f'Victoria, xogħol ta €540,000.[146] Vella jixhed *"Niftakar li kien*

---

[136] Fol.1863. **Dok. DC1** a fol.1865 et seq. Vide verbal a fol.1858, fejn kien hemm qbil li d-dokument kellu jiġi preżentat permezz ta' nota.

[137] **Dok.ACG** a fol.2060 et seq

[138] **Dok.ACG1** a fol.2254 (*sic*) et seq

[139] Fol.2059. Vide **Dok ACG** u **ACG1**

[140] Fol.551-553

[141] Fol.554-555

[142] Fol.1555; 1567; 1571 u 1576

[143] Fol.2043-2045

[144] Fol.152-156

[145] Fol.2045

[146] Fol.46

*cempilli s-Sur Caruana u kien qalli li* ***kien qed jghini hafna sabiex niehu din it-tender u biex nahseb fih. ... Qalli: "Li kieku ma' kontx jiena, ma' kontx tehdoha t-tender," u qalli sabiex nahseb fih.*** *Jiena ghidtlu: "Jekk ikollok bzonn xi haga, ghidli ….. cempilli x' hin ra li jiena l-aktar wiehed vantaggjuz. Wara li bbidjajna cempilli..... jiena dejjaqni għaliex ahna hadna t-tender jigifieri kif suppost u kollox in regola, u dan ma' nafx għaliex kellu jindahal u jghidli hekk. Bhal speci* ***"I owe him."*** *Jiena I don't owe him nothing. …Jiena x' kien qed jistenna sew ma' nafx. Wara jigifieri kien talabni l-flus imbagħad. … Dakinhar ma' semma xejn. Qalli hekk u ma' semmiex flus jew hekk. jiena ghidtlu 'iva, narak u thank you.' ….. Imbghad kien reġa' cempilli, ghax dan cempilli mhux darba jew seba' darbiet imma xi sebgha u sebghin darba. ….. Fuq l-iskola cempilli. …. beda jiprova biex jiena ncedi l-kuntratt, biex jiena nghaddih lil haddiehor, ghax apparentament kif nista nahseb jiena li hu kien miftiehem ma' haddiehor,…..Ghax imbagħad lili cempilli u qalli: "Mur kellem lil ta' Gianmaria," … Kuntratturi. Li kienu bbidjaw ta' waraja….. Biex jiena ncedi…. It-tender. Biex jahdmu hu. Jiena mort, ghax hu ghamilli appuntament u kollox, cempilli wkoll".* [147] Marju, wieħed ta' Gianmarija, qallu biex imur ikellmu w Vella ltaqa magħhom; kienu 4 u dawn *qalulu "Isma, dik cedihielna, dik ha tahdimha għal xejn ghax m' intix ha tithallas u ntuk €5000." …..Qalli: "Ghax daka l-kontijiet f' idejn Dwardu u mhux ha jhallsek zgur." ….Jekk ma' ncedihiex.".* F'laqgħa tal-FTS informa b'dan lil Tony Muscat li qallu li l-imputat ma kienx jaħdem magħhom u għalkemm ma kellux għalfejn jagħti kasu.[148] Vella jispjega li hu kellu jagħmel €54,000 *performace guarantee* u €54,000 *pre-financing guarantee: "peress li parti mill-progett kien fnanzjat minn fondi tal-EU Jiena kont mort nistaqsi biex nara qabel ghamilt it-tender, u huma qaluli: "Ghandek il-pre financing mill-Unjoni Ewropea," allura jiena ma' kellix trouble ghax nehodhom zgur. Kienet taghmel differenza ghalina ghax hemm ix-xogħol u trid tixtri l-materjal. Dawn [Contracts Department] bghatuli biex naghmel 54, 000 performance guarantee. ... Kien cempilli niftakar ukoll Edward Caruana u qalli: "Taghmel xejn, taghmel xejn. Dika cediha." U nsomma jiena rajt l-affarijiet u ghamiltha* [il-*performance guarantee*]*."*[149] Kien hemm żmien meta d-Dipartiment tal-Kuntratti kienu informawh, abbażi t'informazzjoni li kellhom, li hu kien waqa' lura fix-xogħlijiet. Is-*surveyor* dak iż-żmien kien Robert Ciantar u Edward Caruana kien qed jiċċekkja x-xogħlijiet. Iżda fuq stedina tiegħu, marru fuq il-post raw li x-xogħol kien qed issir fiż-żmien u ħareġ l-ewwel pagament.[150]

Ix-xhud imbagħad jgħaddi biex jitkellem fuq it-talba li saret minn Caruana għal €30,000 wara li dan kien ċempillu: *"**kien talabni 30,000 ewro sabiex jghaddi l-kontijiet u jiena nithallas. U jiena ghidtlu: "Xi €30, 000 huma?" ... jien ma' kelli ntih xejn €30, 000. Hu ried tletin elf ewro ….ghax jekk ma' ntihomlux, il-kontijiet ma' jghaddux…**… Dawna fatti ghax sal-lum ghadni ma' thallastx.*

---

[147] Fol..47-53
[148] Fol.53-54
[149] Fol.55
[150] Fol.56

*…..Qalli car u tond. Qalli: "Jiena ghandi sahha daqs il-Ministru, u jekk mhux ha thallas it-tletin elf, m' intix ser tithallas…… U kien hemm Kevin…It-tifel tieghi.* ***U heddidni li "Jekk hemm bzonn nigi ghalik bin nies tieghi."*** *Car u tond…… U jiena ghidtlu: "X' hin trid ejja, u n-nies tieghi d-dar qeghdin." Ghalija u ghat-tfal tieghi ghidtlu jiena. … Qalli: "Jiena ghandi sahha daqs il-Ministru, jekk hemm bzonn nibghat lin nies tieghi,"….. dan biex ibezzghani. Biex ituni xi xebgha minghalih. Biex ibezzghani qali hekk. …Biex imbagħad ix-xogħol ikomplih ma' ta' Gianmaria, għaliex hu miftihem ma' ta' Gianmaria. Ghamlu hafna xogħol ma' xulxin dawn. .."* [151]

F'April 2015, kellha issir laqgħa il-Contracts Department u xi ħmistax qabel Caruana reġa' qallu biex jgħaddilhom €30,000. Vella jenfasizza li meta Caruana kien ikellmu dan kien jitkellem fil-plural. *"Issa meta hu cempilli u qalli li kien hemm din il-laqgħa, kien qalli: "Ara x' ha taghmel, jew ittina tletin elf, jew intuk tletin elf." U jien dak il-hin ma' fhimtux sewwa. U mbghad kien reġa' cempilli l-għada, ghax kien icempilli kull jum għamel habta. Iva, għamel qisu hmistax qabel saret din il-laqgħa kien icempilli kull jum. Imbghad ghidtlu: "X' jigifieri ttini tletin elf?" Qalli: "Nikkmanda lil Robert Ciantar sabiex ikejjel izjed milli ghandek, tiehu l-flus u ccedi u jkompli hadd iehor." Hekk qalli. U jiena ghidtlu: "Issa naraw." U bqajna hekk u jiena komplejt bix-xoghol."*[152] Meta mar għall-laqgħa induna li minflok ma ġie diskuss il-*progress of works* hekk kif intenzjonat, kulħadd kien ippreparat biex Vella jċedi l-kuntratt għax kellhom informazzjoni li waqa' lura fix-xogħlijiet. Vella jixhed *"mbghad Dwardu qabez u qal: "Li dan biex icedi," u jiena ghidtlu: "X' incedi?" U mbghad jiena ghidtlu: "Gibthom it-tletin elf?" Ghax hu kien qalli li ha jtini tletin elf. U x' hin ghidtlu hekk, qam bilwieqfa, beda jhabbat u qamet kommossjoni, allura ma' nafx jekk hu taparsi jew hadd ma' fehem xejn. Dan telaq il-barra, qalli: "Ara ma' ccempillix izjed," u jiena ghidtlu: "Int qed iccempilli u jiena qatt ma' cempiltlek, u m' ghandix għalfejn incempillek." U hareg il-barra u komplejna bil-laqgha u ftemhna li jsir pagament u nkomplu bix-xoghol. U hekk sar. Baghtu lil xi hadd biex jiccekkja l-affarijiet u komplejna bix-xoghol……. Jien x' hin rajt li dan irranga kollox biex jien ninqala mill-kuntratt, meta jiena kelli x-xogħol kwazi nofsu lest, ha nghidu hekk, il-materjal mixtri, u x' jghidulu. Dan kien cempilli wiehed, niftakar li kien jismu Karmnu Vella u qalli: "Cempilli Dwardu biex iggib is-siment minghandna." Ghidtlu: "Ibghatli l-prezzijiet u mhux problema." U qalli: "Mhux prezzijiet, pjacir bi pjacir." U ghidtlu: "Le habib, jekk ma' tibghatlix il-prezzijiet u ma' jkunx jaqbel mhux ser ingib minghandek." Affarijiet hekk. imbagħad jiena x' hin immur nara".*[153]

F'<u>Santa Marija tal-2015</u> l-imputat ċempillu biex jitkellmu fuq xogħol u Vella iltaqa' miegħu fejn it-Tapie's u ħadu d-dar fejn kien qed jagħmel *bbq* ma tal-familja. Huma u deħlin ġibdu fil-ġenb u talbu biex jitkellmu waħedhom. Daħħlu fis-salott *"U qalli: "Ghamilli l-whisky." U nsomma ghamiltlu l-whisky. U*

[151] Fol.57-59
[152] Fol.60
[153] Fol.61-62

*xrobna l-whisky, mbghad qalli: "X' ha naghmlu fuq dawk it-tletin elf?" ghidtlu: "Dward, jiena dawk it-tletin elf ma' thallastx." Imbghad morna fl-ewwel kamra, halli ma' tindunax il-mara u qalli: "Kif ha naghmlu fuq dawk it-tletin elf? Lesti?" ghidtlu: "Lesti? Jiena m' ghandix flus." Ma' kellix flus. U jiena kont issoponejt illi hu, mhux issoponejt, ghalhekk gej, ghax qatt ma' ġie ghandi. U allura kont infurmajt lill-familja tieghi, ghax kienu jafu x' inhu jigri, ghax jiena ghidt li ha jkollna xi nghidu. Pero'dana mbghad komplejna xrobna l-whisky,….. Imbghad qalli: "All right, għamel int, għamel int." U komplejna u konna qed naghmlu bbq u hu kompla maghna. U mar. imbagħad jiena niprova nithallas u ma' thallastx. Ghidtlu: "Ghaliex mhux qed nithallas, ghax jiena ha jkolli nfittex avukat." Qalli: "Ghax iridu l-kont." Biex jiena nithallas, irid ikun hemm kont. U l-quantity surveyor mhux jagħmel kontijiet.".* Ciantar kien il-*quantity surveyor* u meta kellmu dan informah li kellu struzzjonijiet mill-FTS biex ma jkejjilx xogħol tiegħu.

Meta mar jistaqsi dwar dan lis-CEO Tony Muscat, dan qallu li mhux talli ma kienx minnu iżda kienu qed jissoleċitawh ikejjel. Skond ix-xhud, Caruana kien jgħid lil Ciantar biex ma jkejjilx ix-xogħol ta' Vella biex jibqa' ma jitħallasx mill-FTS li jirrikjedu l-kont tal-kejl qabel ma jsir ħlas.[154] Vella semma kif sab żewġ bennejja Maltin li ntbagħtu minn Caruana jneħħu *boundary wall* li kien bena iżda li ma kienx għadu tħallas tiegħu biex minfloku għamlu *retaining wall.* Dawn informawh li kienu qed jagħmlu pjaċir lil Caruana iżda wara sar jaf li ngħataw *direct order*. Wieħed qallu *"Isma tehodhiex miegħu ghax m' intix ser tasal miegħu, ara x' talbek u tihulu… Imma mghad wissewni u qaluli biex intih li jrid, ghax bil-Qorti mhux ha nasal miegħu, ghax għandu s-sahha, ghax il-Ministru u hu xorta, u jiena ghidtlu: "Jiena mhux intih li jrid, jiena milli m' ghandix ma' nistax intih."".*[155] Xi żmien wara dak li seħħ f'Santa Marija, kien sab lil Ciantar u kkonfrontah għaliex ma riedx ikejjel ix-xogħol u dan *"Qalli: "Kif ha naghmlu fuq it-tletin elf ta' Dwardu?"".* Dan wassal għall-alterkazzjoni bejniethom għaliex Caruana nduna li dan ma bediex ikejjel u jippermettilu jitħallas sakemm jagħti it-€30,000 lil Caruana. Cutajar kien għamel rapport kontrih u ttieħdu passi kontra Vella, fejn kien irċieva *Reprimand & Admonission*. Kien anke ġie mħarrek talli għamel malafama lil Caruana liema kawża qed tistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.[156]Illum ix-xogħol tlesta. Wara li tkellem mal-pulizija dwar dak li xehed ma kien hemmx aktar kuntatti mal-imputat.[157]

Din id-dikjarazzjoni ta' Vella - li kkonfronta lil Ciantar **wara** li Caruana kien mar go residenza tiegħu f'Santa Marija tal-**2015** - twassal lil Qorti biex tqis ix-xiehda ta' Vella bħala inattendibbli, tenut kont li l-inċident ma Ciantar – kif jirrizulta mis-sentenza esibita – seħħ **f'Lulju, 2015**!

[154] Fol.65-67
[155] Fol.68-69
[156] Fol.73
[157] Fol.74

In kontro-eżami Giovann Vella jisħaq li Robert Ciantar kien ikejjel skond ma jgħidlu Edward Caruana *"kien ikejjel ħażin u kienu jkejlu waħidhom, ma jkejlux fil-preżenza tal-perit jew fil-preżenza tal-kuntrattur. Ikejlu waħidhom u jkejlu ħażin apposta..... mhux veru li l-kejl sabuh tajjeb."*. Ikkonfrontat bil-fatt li nstab ħati talli ħebb w inġurja lil Ciantar, jispjega li fit-**28 ta' Lulju, 2015** Ciantar talbu €30,000 *"qalli għax ma nirranġawx ma' Dwardu għax huma kellu jdaħħal il-kont, il-kont ma daħalx, jiena ma stajtx nitħallas u għadni sa llum ma tħallastx, qiegħdin nitkellmu mija u tmenin elf. Sallbuni dawn...... . Żgur li ma ħbattx għalih għalxejn. Żgur."*. Skond ix-xhud il-pulizija injoraw din l-allegazzjoni fil-konfront ta' Ciantar u minflok akkuzawh b'malafama.[158] Ma ħa l-ebda passi ulterjuri dwar l-allegazzjoni li għamel rigward Ciantar wara li l-pulizija ma mexxietx u lanqas appella mis-sejbien ta' ħtija dwar l-aggressjoni fuq Ciantar.[159]

Il-konfuzjoni tax-xhud tissokta hekk kif ikompli bix-xiehda tiegħu biex jinsisti li ma kienx ltaqa ma Ciantar fit-28 ta' Lulju, 2015 minkejja din hi d-data fis-sentenza moghtija mill-Qorti t'Għawdex f'Novembru 2015.[160]

L-inattendibbilita` tat-testimonjanza ta' Vella tilħaq il-qofol tagħha meta fid-daqqa w l-hin jikkonsulta ma *diaries* li ġab miegħu w jiddikjara li l-imputat kien stieden lilu nnifsu d-dar tiegħu **f'Santa Marija tal-2014,** u mhux kif kien stqarr fl-eżami w mal-pulizija, li s-sena kienet dik tal-**2015.** Ma jridx jintesa li kienet propju din l-allegazzjoni minn Vella li xprunat l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-imputat, inkluż il-perjodu li ġie imputat li seħħ l-għemil inkriminat ta' Caruana. Dikjarazzjoni bħal din xejjnet u annjentat f'kolp wieħed il-każ tal-prosekuzzjoni w ix-xhur ta' investigazzjonijiet metikolożament żvolt minnha! Dikjarazzjoni li jibqa' jinsisti fuqha anke meta ikkonfrontat b'dikjarazzjonijiet tiegħu preċedenti kemm mill-uffiċjal prosekutur kif ukoll mid-difiża.

Fil-fatt beda jinsisti li din kienet il-verżjoni kellha mis-sewwa għaliex meta xehed l-ewwel darba ma kellux id-*diaries* miegħu, però din id-darba ġabhom miegħu w b'hekk kien ċert mid-data tal-**2014**:[161]

> ***Avukat:*** *U tikkonferma li dil-laqgħa saret id-dar tiegħek, fis-salott tad-dar tiegħek fit-2015?*
> ***Vella:*** *Le le le, ma nikkonfermax.* ***Saret Santa Marija tat-2014*** *din il-laqgħa, mhux kif qed tgħid. ...*
> ***Vella:*** *Le, le, le, jiena dakinhar ma kellix id-diaries miegħi u tlabt niġi – ijwa dakinhar ma kellix id-diary u fixkiltuni bħalma qed tfixkilni issa.*

---
[158] Fol.2500-2501
[159] Fol.2503
[160] **Dok.SF** a fol.2510-2511
[161] Fol.2507

***Avukat:*** *Ħu paċenzja, ħa naqralek - issa allura qiegħdin f'liema sena – aħna fixkilnik, iġifieri dan, l-ispettur fixklek hux hekk?*
***Vella:*** *Jiena – eħe, iva. Jiena ma kellix id-diaries miegħi u ma nistax niftakar daqshekk lura bl-eżatt, pero għandi d-diary u ma nistax –* ***Friday 15th Santa Marija, tat-2014.***[162]

Vella jgħid li ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni li kien qed isir xogħol ħażin u llum il-kwistjoni hi f'arbitraġġ. Jinnega li ma tħallasx għaliex xogħol ma sarx sew jew sar ħażin.[163] Dan jiskontra ma dak li saħaq kemm Robert Ciantar li jiġi korroborata mill-Perit Ellul.[164]

Fil-fatt il-**Perit Andrew Ellul,** li għamel żmien jaħdem mal-FTS, jixhed li kien risponsabbli għal diversi proġetti fuq skejjel fosthom dawk tar-Rabat Għawdex li nbniet f'żewġ fażijiet; l-ewwel is-sekondarja li bdiet tintuża bħala *sixth form* u b'hekk inħareġ *tender* għal *sixth form* li ntrebaħ minn Giovann Vella. Hu kien il-perit risponsabbli w innota li x-xogħol ta' Vella ma kienx qed isir b'mod professjonali tant li <u>ddeċieda ma jkomplix bħala perit tal-proġett kemm il-darba kuntrattur kien ser jibqa' Vella</u>.[165] L-imputat kien ikun l-FTS *"overseeing the projects"* u safejn kien jaf hu, kellu relazzjoni tajba ma Vella.[166]

**Robert Ciantar** spjega kif kien appuntat *quantity surveyor* mal-FTS fuq il-progett tas-*sixth form* t'Għawdex fejn kien hemm Giovann Vella bħala kuntrattur. Jispjega li kien hemm diżgwid bejn il-kuntrattur u l-FTS u dan seħħ meta Vella waqa' lura fil-proġett fejn hu ma kienx konvint mill-kwalità tax-xogħlijiet tiegħu. Għalhekk issuġġerixxa li ssir *retainment* ta' ammont ta' flus skond kif stipulat fil-kuntratt; żammewlu l-flus biex tinġibed l-attenzjoni ta' Vella għan-nuqqasijiet tiegħu w jirranġahom. Kemm il-darba ma kienx ser jagħmel dan seta' jitqabbad kuntrattur ieħor u jħallas hu tat-tiswijiet li jkun għamel biex jitranġa x-xogħol tal-kuntrattur preċedenti. Ikompli li darba Vella sabu fuq is-site f'Għawdex u *"qalli inti qed izommli l-flus."* u beda jwaħħal fih għan-nuqqasijiet tiegħu *"u kien ħebb għalija fiżikament…ġera warajja u bqajt sejjer l-Għassa u għamilt rapport."*[167] Ma kienx laħaq telgħa jixhed imma Vella nstab ħati.[168]Vella kien mar għal warajh hekk kif hu kien niżel ħdejn il-ħaddiema u qallu *"ghax ma tghidilhomx lil dan in-nies inti u dak il-wicc ta' L*** ta' qtates ta' Dwardu tlabtuni tletin elf"*. Hu rrispondieh li ma kien talbu xejn u mar jagħmel

[162] Fol.2507
[163] Fol.2508
[164] *Supra*
[165] Fol.921
[166] Fol.922
[167] Fol.1851-1853
[168] Fol.1853

rapport l-Għassa.[169] Jgħid li ma kien jaf xejn dwar din l-allegazzjoni[170] u Vella ***"Fil-konfront tieghi qed jigdeb mija fil-mija zgur"*** **għax qatt ma talbu tletin elf.**[171]

In kontro-eżami Robert Ciantar jgħid li kien fl-2015 meta ġie aggredit minn Vella li beda jipprova jitfa' n-nuqqasijiet tiegħu fuqu.[172] Jispjega *"Nuqqasijiet fil-kwalità tax-xogħol kien hemm, kienu evidenti u ħarġu, u ħarġu sussegwentement anke mit-testijiet li kienu saru illi ma kontx jien li għamilt it-testijiet iżda li kont jiena li ikkummissjonat it-testijiet għan-nom ta' FTS, taħt struzzjonijiet tal-FTS. ...... jiena fil-konfront tiegħi, Giovann Vella, l-unika drabi li ltqajt miegħu kien hemmhekk fuq il-post tax-xogħol, ma kontx nafu qabel, ma nafux u lanqas irrid insir nafu fir-realtà, qed tifhem? ... dan heddidni li ħa jaqtagħli rasi pereżempju. Ġera warajja biex isawwat, m'għandix għalfejn inkun nafu bniedem bħal dan ... Bħala kliem, pereżempju qalli, eh, issa ħa ngħid x'qalli, li niftakar, qalli, "Inti u dak il-l*** ta' wiċċ ta' qtates, Dwardu, tlabtuni l-flus..." blah, blah, blah, u ħafna affarijiet minn dawn. Dan ġera warajja, qalli, "jiena nafek, naf min inti, naf lil familtek," u dawn l-affarijiet kollha. ... daħal bir-ras għal ġo fija....Hu akkużani, hawn akkużani, qal li jiena, qalulu li jiena kont il-bniedem responsabbli li qed inżommlu l-flus mill-pagamenti u akkużani b'korruzzjoni dan bażikament.".*[173] Ciantar innega li qatt talab flus lil Ġiovann Vella li kien jiltaqa' miegħu bejn darba jew darbtejn f'ġimgħa minħabba x-xogħol.[174] Jiddeskrivi r-reazzjoni tiegħu meta saret l-allegazzjoni fil-konfront tiegħu minn Vella: *" eżatti eżatti kif talabni l-flus qbadt it-triq u tlaqt lejn l- għassa biex nagħmel ir-rapport, ... Jiġifieri* ***jiena it took me, what? thirty odd years to build a reputation fuq ix-xogħol li nagħmel jiena, all right, I mean bin-nies jafdawni u jafdawni biex nagħmlilhom, bħalma jafdaw lilkom at the end of the day. Issa, il-fatt li, il-fatt li Giovann Vella ġie jgħid u jivvinta li jiena tlabtu xi flus, jiena din ma nistax noqgħod għaliha, ma noqgħodx għaliha u ma naċċettaha qatt****, għax jiena la lil Giovann Vella u lanqas lil ħadd qatt ma tlabt flus biex nagħmel xogħli. Bottom end, all this qiegħed ġo fiha jien għax għamilt xogħli fir-realtà, għax indunajt bin-nuqqasijiet u irrappurtajt; kieku għalaqt ħalqi u m'għidt xejn m'inhix qiegħed hawn. Jiġifieri this is... issa apart from the fact that this is taxing on me, it is taxing on me għaliex? Għax illum meta jittieħdu tenders u tapplika għal xogħlijiet differenti, il-klijenti, ġustament jagħmlu due diligence, u meta jittajpjaw ismi jitla' dan il-każ. Ok? ... Jiena ma tlabt flus la għalija u lanqas għal Edward Caruana. Jekk Edward Caruana talab għalih, ma nafx, ma jinteressanix u ma rridx inkun naf. Però jiena qatt ma tlabt flus lil ħadd, għall-ebda ħadd u għal xejn.".*[175]

---

[169] *Ibid*
[170] Fol.1854
[171] Fol.1856
[172] Fol.2516-2517
[173] Fol.2517-2519
[174] Fol.2519
[175] Fol.2520

Id-difiża talbet li tiġi esibita l-fedina penali aġġornata ta' Giovann Vella mill-uffiċjal prosekutur bħala prova tal-karattru inaffidabbli tax-xhud.[176] Kif rimarkat mid-difiża, il-fedina penali turi kif Vella tul is-snin bena fedina penali mżewwqa meta instab ħati *inter alia* ta' ksur ta' ordni tal-Qorti, reati kontra l-ordni pubbliku, vjolazzjoni kontra l-propjetà ta' terzi, offiżi fuq uffiċjali pubbliċi, offiżi fuq il-persuna, ħsara volontarja u reati taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Ikkunsidrat,

**Provi Saljenti**

A. <u>Użu ta' *Invoices* Foloz</u>

I. **Anthony Muscat**, jindika li l-*invoices* ġew preżentati lilu f'April, 2016 meta kienu marru l-uffiċju tiegħu l-imputat, il-kuntrattur Simon Camilleri u Louis Portelli (QS ta' Camilleri). Il-*Claims/quotations* kienu <u>seba' (7),</u> kienu lkoll datati Awissu sa Settembru 2015 *u* jlaħħqu l-ammont ta' €<u>25,000</u>. Dawn l-*invoices* jinsabu annessi ma *Memo* li bagħat lil Rizzo (**Dok.PR3).**

**Pullicino** jikkonferma li x-xogħol kien sar f'Settembru 2015 iżda ċ-ċertifikazzjoni u l-*quotations* huma datati l-20 t'April, 2016.[177] Il-Perit Tabone wkoll tixhed li x-xogħol ġie komplut f'Settembru, 2015.

Għalhekk ir-raba imputazzjoni kif addebitata mill-Prosekuzzjoni ġiet korrettament ibbazata fuq il-provi li l-pulizija kellha quddiemha.

II. **John Chetcuti**, sar jaf b'dawn l-*variances* wara meeting li seħħ mal-imputat, Camilleri w il-Perit Tabone. *"Jiena inhsadt dak il-hin ghax normalment taghmilhom qabel u jien ix-xogħol ma stajtx niddentifikah jiena….. ghall-argument jekk hemm mejda zejda li ma kinetx fil-BOQ ha nghidu hekk, kont ingib il-quotation qabel isir ix-xogħol, dik biss…… Is-Sur Caruana ux staqsieni, kif ser naghmlu għalihom biex ikun jista' jithallas dan ir-ragel, il-kuntrattur."*. Dan seħħ meta x-xogħol kien ġa tlesta.

III. Saret laqgħa mal-kuntratturi li suppost ħarġu l-*invoices* iżda irriżulta li għajr għal xi tnejn minnhom, ix-xogħol ma kienx sar minn min ħariġhom u dawk li verament inħarġu kienu jirrigwardaw xogħol

[176] **Dok.RSZ** a fol. 2474 et seq u kopja tagħha **Dok.RSGV** a fol.2499 et seq
[177] Fol.352

magħmul minn Camilleri kif ukoll kien l-istess **Camilleri li talab li jinħargu indirizzati fuq il-Fondazzjoni**.

Tony Muscat jixhed: *"Kien hemm minnhom kienu sorprizi li bazikament kellhom jiehdu xi flus mill-fondazzjoni u kien hemm ohrajn minnhom, ijja, li bdew jghidu li il-firem tagħhom, il-kwotazzjoni mhix tagħhom vera igifieri..... kienu sorpriżi...U qed jghidu li huma ma kienux involuti."*[178]

IV. Il-ħlas li għalih inħarġu l-*invoices* kien dak <u>dovut interament għal Simon Camilleri</u>, Xmun Projects. Meta l-ammont qabeż dak indikat fit-tender ġie suġġerit lilu mill-Perit Tabone <u>jew mill-imputat</u> – **id-dubbju** - biex dan l-ammont jinqasam fuq *invoices* varji maħruġa fuq terzi: *"fis-6 t'April 2016, konna ghaddejna l-kont lill-Perita ta' Cornelia u ovvjament il-kont ġie iktar milli kien hemm fit-tender…. ....Kemm il-Perita u kemm Edward kienu nfurmawni, avzawni li biex inkun nista' nigi mhallas, id-differenza tal-ammont irid jigi maqsum fi quotations…. Il-Perita u anke Edward kienu* ***xi hadd minnhom insejt ezatt min*** *kien li [qalli] jridu jinqasmu fi quotations izghar biex inkunu nistghu nithallsu u l-quotations ma jridux ikunu kollha fuqi iridu jkunu fuq xi haddiehor biex almenu ma nidhirx ikrah jien, li taparsi hadt….. imbaghad Edward kien qalli ara lil min ghandek taghti l-flus specjalment fuq il-progett u nohorgu quotations fuqhom."*.[179]

Id-dubbju ta' Camilleri kien dwar min issuġġerilu jagħmel l-*invoices* fuq terzi, u mhux dwar min effettivament għamel użu minnhom, ma timpinġi xejn fuq il-mertu tar-raba imputazzjoni anke fl-eventwalita li kien definitiv.

**Camilleri** jiddikjara li l-*invoices* <u>intalbu lilu</u> w kien il-*quantity surveyor* tiegħu, <u>Portelli, li mar bihom għand Caruana</u> li minn naħa tiegħu *"<u>ħadu bihom</u>"* għand Muscat. Għaldaqstant minn dak li xehed Camilleri u mill-provi quddiem il-Qorti, **l-irwol tal-imputat kien dak ta' messaġġier** meta ha lil dik il-persuna li f'idha kellha l-*invoices* għand is-CEO Muscat.

V. Camilleri jixhed li hu għadda l-kont lil Perit iżda <u>*"l-Perita kienet bagħtitli email, fejn qed titlobni biex ngħaddilha l-quotations personali".*</u> Louis Portelli tahom lil Perita iżda peress li ma kienitx ser tlaħħaq

[178] Fol.334
[179] Fol.384-385

tmur bihom Malta, mar bihom għand Edward Caruana li ħadu bihom għand Tony Muscat.[180] L-imputat kien iċċempillu ta' spiss fuq dawn il-*quotations* u darba minnhom beda jgħajjat miegħu jgħid li mhux hu kien għamilhom u sabiex Camilleri jgħid li għamilhom hu.[181]

Għalkemm ma tantx jagħmel sens għaliex l-imputat kellu għalfejn jinsisti li Camilleri jgħid li għamel l-*invoices* fabbrikati hu, meta minn imkien ma jirrizulta li hu, Caruana, kellu xi involviment fil-ħruġ tagħhom – anzi fejn is-swaba kollha jippuntaw lejn Portelli u Camilleri - jibqa' l-fatt li l-figura ta' Caruana ma tirriżulta imkien *mas-suppliers*. Wisq anqas ma jirrizulta li Caruana għamel xi użu minnhom tenut kont li dawn **għaddew għand il-Fondazzjoni minn Portelli** u kienu interament għall-benefiċċju ta' Camilleri, biex dan jitħallas! Kull ma għamel l-imputat hu li ha lil Portelli għand Muscat u **kien Portelli li għadda l-*invoices* lil Muscat mhux Caruana**! Hu għalhekk li l-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur li l-imputat hu "a *common thread*" għaliex l-involviment ta' Simon Camilleri kien jiżboq bil-kbir dak tal-imputat, u bir-raġun ġaladarba kien Camilleri li kien *out of pocket* ħamsa w għoxrin elf Ewro!

VI. (i). **Dr. Michael Caruana,** ta' Joseph Caruana Limited, li kien dovut ħlasijiet mingħand Simon jixhed *"hrigna credit note ta' zewg invoices favur Simon Camilleri u hrigna zewg invoices godda illi kienu f'isem l-FTS*[182]*….Simon kien hadhom l-affarijiet Settembru, Ottubru, ma niftakarx preciz ….Tal-istess sena, jekk miniex sejjer zball, ....il-credit notes hargu fl-18/04/2016 u l-invoices hargu fl-istess gurnata….".*[183] Muri quotations[184] li suppost inħarġu wkoll minn Joseph Caruana Company Limited *"zgur ma hrignijiex ahna. Il-quotations ma humiex taghna zgur....".*[185]

(ii). **Gordon Borg,** li għamel xogħol għal Simon Camilleri *"Jien kont għamilt il-quotations lil Simon, imbagħad Simon qalli biex tigbor il-flus ghamilhom fuq l-FTS…. Il-quotation hallejniha l-istess wahda…kien qalli biex inhalluha",* iżda biex jithallas kellu joħroġ l-*quotation* fuq l-FTS;[186] **Borg** ikompli li kien permezz tal-QS tiegħu, **għamel l-invoice fuq l-**

[180] Fol.391
[181] Fol.392
[182] 138 u 144
[183] Fol.406
[184] Fol.139, 143,
[185] Fol.407
[186] Fol.397

**FTS fuq struzzjonijiet ta' Camilleri**. **Rapa** kien għamel xogħol għal Xmun Projects. **Michael Caruana** wkoll jindika li kien tħallas għal xogħol minn għand Simon Camilleri li sussegwentement talbu jdawwar l-*invoices* fuq l-FTS anke meta dawn kienu ġa tħallsu tant li ħarġulu *credit* notes fl-istess jum li nħarġu l-*invoices*. Żewġ invoices bl-isem tal-kumpanija ta' Caruana huma iffirmati minn Camilleri filwaqt li tnejn oħra huma fabbrikati.

(iii). Jirrizulta li Noel Borġ u Joe Rapa kif ukoll Dr. Michael Caruana, għajr għal dawk a fol.138 u 144, ċaħdu li l-*invoices* preżentati kienu tagħhom

F'dan kollu hi l-figura ta' Camilleri u mhux tal-imputat li tiddomina x-xena. Camilleri hu l-*common denominater* f'dawn l-*invoices*, għallinqas dawk li kien mar jitlobhom hu. Dwar oħrajn li ġew fabbrikati mingħajr ma kien sar xi xogħol dwarhom, ma ġiex pruvat lanqas remotament li l-imputat kellu xi rwol biex għadda wħud mill-invoices fabbrikati lil Fondazzjoni. Il-provi juru li l-*invoices* għaddew għand Muscat mingħand Portelli f'salt meta l-imputat ha lil Portelli bihom għand l-istess Muscat. B'daqshekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li kien l-imputat li għamel użu minnhom!

Tant hu hekk li anke mix-xiehda ta' Camilleri jirrizulta li **kien Portelli li mar bl-*invoices* għand l-imputat!**[187] La Camilleri u lanqas Tony Muscat ma jinvolvu l-imputat fl-użu ta' dawn id-dokumenti u dan meta l-provi juru li kien biss Camilleri l-instigatur biex dawn jitfasslu minn *suppliers* tiegħu biex jingħaddew lil Fondazzjoni.

B. Eżazzjoni w Korruzzjoni

1. Joseph Carabott

I. Tony Muscat spjega kif Joe Carabott, li kien qed jagħmel xogħlijiet fuq skola f'Ħad-Dingli, għall-ħabta ta' Ġunju, Lulju tas-sena 2016, informah li Caruana qallu *"to slow back ix-xogħol, speci, biex qisu ma nlahhqux id-deadlines li kellna. Kienu ga difficli*[188]*..... Ukoll kien qalli li bazikament, huma il-kuntratturi ma kienux ser jithallsu for additional works, u* ***kien qalli ukoll li kien intalab xi flus minn Edward***[189]***.....xi container madum***[190]***".***

[187] Fol.391
[188] Fol.340
[189] Fol.341
[190] Fol.342

Philip Rizzo jiddeskrivi kliem Carabott ***"beda jibki u jghidli li ma setax jkompli jhallas flus lill Edward Caruana*** *għaliex ma kienx qed jagħmel profitt ghax biex ha dan ix-xogħol ha ta' rati baxxi hafna.......****kien qed jippressah biex jhallas tlieta fil-mija tal-valur tax-xogħol fuq Tas Swatar u li jissuplixxih 40 foot container tal-madum li kien ghazel Edward u qallu trid iggibuli"***.[191]

Meta l-Ispettur Stivala tkellem ma Carabott dan biddel il-verzjoni moghtija lill-ufficjali tal-Fondazzjoni: *"Fuq il-container madum Carabott qal li Edward Caruana vera kien talbu container pero' fil-hsieb ta' Carabott ma kienx li riedu b'xejn, kien il-hsieb li once li jgibulu jew li jaghzel minn għandu ghax hu kellu diversi tipi ta' madum, hu kien ser ihallsu tiegħu…..*[192]

Il-Qorti tqis ix-xiehda ta' Muscat u Rizzo bħala kredibbli. Dawn iż-żewġ uffiċċjali ma kellhom l-ebda raġuni għaliex jiffabbrikaw storja simili. Wara kollox l-ewwel persuna li ġie mgħarraf bl-allegazzjonijiet ta' Carabott kien Anthony Muscat, u wara dak mistqarr miegħu direttament minn Carabott, l-istess allegazzjoni ġiet konfermata ma Philip Rizzo. **Ma jistax ikun li kemm Muscat kif ukoll Rizzo jivvintaw storja dwar Carabott**. Fil-fatt wara konfront li sar mill-abbli prosekutur, Carabott ammetta li parla żejjed: ***"jista' jkun li jien parlajt zejjed, ghidt xi kelma zejda."***.[193] Madanakollu dak li Carabott qal lil dawn iż-żewġ uffiċċjali, għal fini ta' dan il-proċediment jibqa' biss *hearsay* w għalhekk inammissibbli bħala prova.

2. Giovann Vella

Jingħad mill-ewwel li x-xiehda ta' Vella hi waħda mimlija kontradizzjonijiet li ma tippermettix il-Qorti tistrieħ fuqha:

I. Fil-bidu tax-xiehda tiegħu Vella jsemmi li sa minn ħmistax qabel laqgħa li kellha ssir il-*Contracts Department* <u>f'April 2015</u>, l-imputat kien beda jitolbu €30,000;

II. Fix-xiehda in eżami semma wkoll kif il-kwistjoni kkulminat f'Santa Marija tal-**2015** meta Caruana ċempillu, ltaqaw it-Tapie's u ħadu d-dar tiegħu fejn kien qed jagħmel *bbq* ma tal-familja;[194]

III. Ikompli li xi żmien<u> wara dak li seħħ f'Santa Marija,</u> kien sab lil Ciantar u kkonfrontah għaliex ma riedx ikejjel ix-xogħol u dan *"Qalli: "Kif ha*

[191] Fol.116-117
[192] Fol.461
[193] Fol.460-461
[194] Fol.68-69

*naghmlu fuq it-tletin elf ta' Dwardu?"".* Dan wassal għall-alterkazzjoni bejniethom;

IV. Però mis-sentenza esibita jirrizulta li Vella ħebb għal Ciantar fit-28 ta' **Lulju 2015**[195] w għalhekk tkompli tiżdied id-diffikultà għal każ tal-prosekuzzjoni. Kemm il-darba Vella hu korrett li ħebb għal Ciantar wara dak li seħħ f'Santa Marija, allura hu minnu dak li jixhed in kontro-eżami u cioe li Caruana mar għandu f'Santa Marija tas-sena 2014 (ġaladarba jiddikjara li ħebb għal Ciantar wara l-jum li fih Caruana mar għandu!).

Konsegwentement u kemm il-darba Caruana mar għandu fl-2014 u dan wara żmien jitlob għall-flus kif allegat, l-imputazzjonijiet kif miġjuba - bejn Jannar 2015[196] u Ottubru 2016 - ma jistgħu qatt jirriżultaw ppruvati!

M'hemmx dubbju li Vella hu xhud inattendibbli fejn jagħti xiehda konfuża għall-aħħar. In kontro-eżami jinsisti li z-zmien meta *matters came to a head* kienet iz-zjara tal-imputat f'daru f'Santa Marija. Mhux dik tal-2015 izda tal-**2014**:

> ***Avukat:*** *U tikkonferma li dil-laqgħa saret id-dar tiegħek, fis-salott tad-dar tiegħek fit-2015?*
> ***Vella:*** *Le le le, ma nikkonfermax. Saret Santa Marija **tat-2014** din il-laqgħa, mhux kif qed tgħid. ...*
> ***Vella:*** *Le, le, le, jiena dakinhar ma kellix id-diaries miegħi u tlabt niġi – ijwa dakinhar ma kellix id-diary u fixkiltuni bħalma qed tfixkilni issa.*
> ***Avukat:*** *Ħu paċenzja, ħa naqralek - issa allura qiegħdin f'liema sena – aħna fixkilnik, iġifieri dan, l-ispettur fixklek hux hekk?*
> ***Vella:*** *Jiena – eħe, iva. Jiena ma kellix id-diaries miegħi u ma nistax niftakar daqshekk lura bl-eżatt, pero għandi d-diary u ma nistax – **Friday 15th Santa Marija, tat-2014.***[197]

Indubbjament b'xiehda simili mhux dubbju raġonevoli biss jitnissel iżda addirittura fid-dawl tal-fatt li l-verżjoni ta' Vella ma ssib l-ebda korroborazzjoni, anzi tiġi kontradetta kemm mill-perit Ellul - in kwantu għax-xogħol ħażin li kien qed jagħmel Vella - kif ukoll fid-dawl tax-xiehda elokwenti, affidabbli w veritjiera korroborata bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati

---

[195] **Dok.SF** a fol 2510 -2511et seq
[196] Vide verbal a fol.936
[197] Fol.2507

(Għawdex) ta' Robert Ciantar, din il-Qorti ma għandhiex għażla għajr li tqis ix-xiehda ta' Vella waħda li tiskontra diffikultajiet kbar sabiex tista' tistrieħ fuqha.

Ikkunsidrat ulterjorment

Minbarra n-nuqqas ta' provi li jissostanzjaw l-involviment tal-imputat fir-reati lilu addebitati, ma jistax ma jiġix ikkunsidrat punt ferm aktar rilevanti ta' indoli legali.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

L-impjieg tal-imputat

L-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat għandhom bħala rekwiżit essenzjali il-kariga tiegħu bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku.

L-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **92.** Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

F'dan il-każ l-imputat kien impjegat ma Fondazzjoni li twaqqfet taħt il-Ministeru għal-Edukazzjoni. B'dan xorta jrid jiġi determinat jekk l-imputat per se, ġaladarba ingħata kuntratt ta' xogħol mal-Fondazzjoni, kienx jitqies bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku. Dan jingħad tenut kont li **Joseph Saliba,** in rappreżentanza ta' Jobsplus, fl-*employment history* tal-imputat li esibixxa jirrizulta li qabel ma l-imputat beda l-impjieg mal-Fondazzjoni, hu kien impjegat ma Resource Support & Services Limited, kumpanija privata. Mit-8 ta' Novembru, 2013, Caruana kien impjegat mal-Foundation For Tomorrow's Schools bħala *Head Summer Projects, Maintenance Division*.[198]

Id-distinzjoni bejn is-servizz pubbliku w is-settur pubbliku hi spjegata kif gej:

> The Public Service consists of ministries and departments of Government. The Public Service is the core of the Government's administrative machinery, but this machinery has other components. These include statutory authorities and agencies, Government foundations, and companies with a Government majority shareholding. These entities are part of the public sector but not the Public Service. The Public Service employs around 30,000 staff while another 20,000 or so staff are employed by entities in the wider public sector.

---

[198] **Dok.JS** a fol.452-453.

Public Service employees are referred to also as public officers and as Government employees. The latter term reflects the fact that Public Service employees work in ministries and departments, which are integral components of the Government of Malta. By contrast, entities in the wider public sector have their own legal personality which is separate from that of the Government – meaning that **while such entities belong to the Government, they are not part of the Government. Accordingly, their employees are not Government employees.**

The lack of a separate legal personality is not the only characteristic which ministries and departments have in common. They also share the following:

- a common pay structure based on 20 salary scales.
- a common career structure which enables Public Service employees to move from one ministry or department to another in the course of their careers.
- appointments and discipline are governed by the Public Service Commission, an independent constitutional body which is tasked with ensuring that appointments are based on merit and that discipline is fair.

The boundary between the Public Service and the wider public sector is defined by the presence or absence of these characteristics and does not depend on the sector of operations. For instance, a member of the Police Force is a public officer, whereas a soldier in the Armed Forces of Malta is not. Similarly, a teacher in a state school is a public officer, whereas a lecturer at MCAST or the University of Malta is not.[199]

Ġie esibit il-*Contract of Service* tal-imputat.[200]Mill-kuntratt t'impjieg datat is-16 t'Ottubru, 2013, ma tinsab l-ebda dispożizzjoni li Caruana kellu jitqies bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku. Fil-fatt ħarsa lejn il-website tal-FTS tindika li hi l-fondazzjoni innifisha li toħroġ *vacancies* u mhux is-servizz pubbliku. Inoltre s-salarju ma hux dak applikabbli għas-servizz pubbliku iżda huma salarji stabbilit u mħallsa mill-istess Fondazzjoni:

Fuq il-paġna tal-Fondazzjoni insibu:

*Working with us*

*We are FTS, a leading Governmental entity entrusted with the modernisation of State education infrastructure in Malta and Gozo. We are fuelled by our passion for creating modern, accessible and inclusive teaching-learning environments for the benefit of educators, children and students.*

*We employ professional, technical and administrative staff in different levels*

*When working with us, we promise you that you will never ever have a dull moment. The average age of our employees is in the early forties. Employees benefit from competitive remuneration packages and excellent conditions of work.*

*We believe in our employees' training and personal development and encourage our staff to further their studies, also by providing training sponsorships.*

[199] The Public Service and the Public Sector (gov.mt)
[200] Fol.1601 et seq

*We promise you that you will learn a lot and that you will grow with us, both in your career and as a person.*

*Visit our vacancies page to learn more about the current open vacancies.*

Kif spjegat qabel il-fatt li entita tappartjeni lil Gvern mhux neċessarjament tifforma parti mill-Gvern:

> "**while such entities belong to the Government, they are not part of the Government. Accordingly, their employees are not Government employees."**[201]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kenneth Demartino** il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha titratta x'jikkostitwixxi awtorità pubblika u kif din il-frażi ma tistax tingħata interpetazzjoni wiesgħa:[202]

> 9. Il-gravam tal-Avukat Generali imbaghad jestendi fuq il-liberazzjoni tal-appellat dwar it-tieni imputazzjoni, igifieri dik tal-ghemil ta' dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ghoti ta' tgharif falz kif ravvizat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali bl-adezjoni tal-artikolu 310A. Huwa jargumenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta lliberat lill-appellat fuq il-konsiderazzjoni illi l-Kumitat tar-Regjun tal-Unjoni Ewropea muhiex "awtorita' pubblika" għal fini tar-rekwizit msemmi fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali. Ezaminata din il-parti tas-sentenza, jidher li l-ewwel Qorti waslet għal konkluzzjoni taghha wara li ghamlet referenza ghall-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 u l-artikolu 490 u 121(4) tal-Kodici Kriminali. In sintesi, l-ewwel Qorti rragunat u kkonkludiet illi il-Kodici Kriminali ma jipprovdix tifsira ghall-kliem "awtorita' pubblika". Il-Kapitolu 12 jabbraccja bhala awtorita' pubblika lill-Ministeri u d-dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi u li din m' ghandhiex tkun interpretata b'mod wiesa.

L-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-segwenti tifsira għall-frażi "awtorità pubblika":

> "awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni

L-artikolu 2 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> "amministrazzjoni pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-Dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokaliu kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi;

Jiġi osservat ukoll li lanqas ma jirrizulta li l-Fondazzjoni tinkwadra taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kapitolu 595 tal-Ligijiet ta' Malta.[203] Il-

---

[201]https://publicservice.gov.mt/en/Pages/The Public Service/PublicServicePublicSector.aspx

[202] Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti; Deċiża 29 ta' Ottubru, 2018; Appell Nru. 473/2016

[203] F'dan l-Att, fl-artikolu 2(1) tiegħu hemm provdut:

Fondazzjoni mhix entita msemmija fir-Raba Skeda tal-Att, madankollu fis-Sitt Skeda tal-Att *Surveyors tal-Kwantità (Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada)* huma meqjusa li jokkupaw pożizzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika li, minħabba fin-natura tar-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom, jitqiesu bħala li huma postijiet ta' riskju għoli. Għalhekk u in segwitu tal-prinċipju *ubi lex voluit dixit*, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni u mingħajr provi sal-grad mistenni ma jista' jiġi determinat li fiż-żmien tal-għemil imputat lilu Caruana kien **uffiċjal jew impjegat pubbliku.**

Minn dan kollu w senjatament mill-fatt li l-imputat ġie ingaġġat mal-Fondazzjoni minn ma kumpanija privata *Resource Support & Services Limited*, baqgħet ma nġabet l-ebda prova sal-grad mistenni li meta ġie impjegat mal-Fondazzjoni, wara impjieg fis-settur privat, dan reġa' assuma l-vesti ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku. Fil-fatt wara li ġie *seconded* mal-MSDEC hu gie *re-deployed* ma kumpanija privata oħra, *Industrial Projects Services Ltd (IPSL)* u ma rritornax maċ-Civil. [204]

Fid-dawl ta' dawn r-riżultanzi jitqies li ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest li fiż-żmien imputat lilu Caruana kien uffiċċjal jew impjegat pubbliku. Biex kellu jiġi aċċertat dan l-element, kien indispensabbli li jittella rappreżentant mill-*People and Standards Division* fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru jew rappreżentant mill-Public Service Commission kif ukoll, kemm il-darba dan kellu xi rilevanza dwar din il-kwistjoni, jiġi esibit l-att tal-Fondazzjoni. Il-Qorti ma tistax tislet hi din il-konklużjoni kif suġġerit mill-abbli prosekutur fil-kors tat-trattazzjoni orali tiegħu.

Ġaladarba dan ir-rekwiżit essenzjali għar-reati addebitati lilu, li lkoll jirrigwardaw għemil abbużiv perpetrat minn uffiċjal jew impjegat pubbliku jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, ma ġiex soddisfaċentement ippruvat, ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tinoltra ruħha fir-rekwiżiti legali l-oħra li jikkostitwixxu ir-reati li jinsab mixxli bihom Caruana.

Għall-istess raġuni ma tqisx li għandha għalfejn tikkunsidra l-punti l-oħra ssollevati mill-abbli difensuri tal-imputat fis-sottomissjonijiet finali tagħhom.

---

"aġenzija tal-Gvern" jew "aġenzija" tfisser korp kif imsemmi fir-Raba' Skeda;

"amministrazzjoni pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, il-korpi speċjalizzati u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern, il-kummissjonijiet u l-bordijiet imsemmija f'dan l-Att;

"impjegat pubbliku" tinkludi uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni, iżda għandha għall-finijiet ta' dan l-Att tinftiehem skont is-subartikolu (2);

[204] Fol.1605

In konklużjoni

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba, fejn ilkoll jagħmlu riferenza għall-pożizzjoni tal-imputat bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, inkluż fir-raba imputazzjoni fejn hemm qed jiġi imputat li għamel użu tad-dokumenti foloz fl-istess *"fl-istess data, ħin u ċirkostanzi"*[205], peress li ma ġiex pruvat l-element essenzjali li Caruana kien impjegat jew uffiċjal pubbliku ma tistax tinstab ħtija fl-imputat.

Minkejja l-għaqal tal-prosekuzzjoni w il-mod professjonali għall-aħħar li bih mexxiet il-każ meta ħadet azzjoni immedjata fuq l-allegazzjoni kif irraportata lilha, u senjatament meta investigat l-allegazzjonijiet li saru minn Giovann Vella w għaddiet biex tibni każ fuq dak mistqarr minn Vella, fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali odjerni u senjatament wara l-aħħar xiehda mogħtija minn l-istess Vella in kontro-ezami, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat.

L-istess jingħad dwar l-allegazzjoni li oriġinarjament saret minn Carabott quddiem Muscat u Rizzo iżda li wara xejjen għal kollox dak li preċedentment kien iddikjara dwar x'suppost talbu l-imputat Caruana. Kemm wara konfront li sar minn Stivala ma Rizzo, Carabott ibiddel id-diska w jiddikjara ***"jista' jkun li jien parlajt zejjed, għidt xi kelma żejda"***[206] filwaqt li quddiem il-Qorti jerga' jagħmel *u-turn* u jixhed *"Jien ma ghidtlu xejn f'dawn l-affarijiet li qed jivvintaha hu."*.[207]

**DECIDE**

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull ħtija w piena.

Fid-dawl tal-provi li ġew prodotti f'dawn il-proċeduri, l-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ jeżistux l-estremi legali li jsawru r-reati kontemplati fis-Sub-Titolu II tat-Titolu V tat-Tieni Taqsima, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tad-diversi persuni involuti fil-ħruġ tal-*invoices* foloz.

Finalment tirrevoka l-ordni t'iffriżar impost fil-konfront ta' Edward Caruana.

[205] Ċirkostanza minnhom indubbjament hi dik li l-imputat kien qed jaġixxi fil-vesti tiegħu ta uffiċjal jew impjegat pubbliku
[206] Fol.460-461
[207] Fol.554-555

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**